# IL-WIĊĊ DIĠITALI
# TAL-MULEJ

Programm ta' implimentazzjoni
ta' proposti tas-Sinodu Djoċesan
fil-qasam tal-pastorali tal-*media*

10 ta' Frar 2008

# Werrej

**Ġabra fil-qosor tad-dokument** 5

**Introduzzjoni** 11

**L-ewwel taqsima: Il-*media* fis-soċjetà Maltija** 15

1.1 Il-*mediascape* Maltija fi kliem is-Sinodu 17
1.2 Il-karatterisitiċi ewlenin u implikazzjonijiet pastorali 18

**It-tieni taqsima: Il-viżjoni tal-Knisja għall-*media*** 25

2.1 Il-viżjoni tal-Knisja għall-*media* 27
2.2 Il-missjoni tal-Knisja b'risq il-*media* 28

**It-tielet taqsima: Proġetti u proposti** 31

3.1 Sinerġija u koordinament 33
3.2 Pjan Pastorali u kooperazzjoni bejn iż-żewġ djoċesijiet 35
3.3 Is-Segretarjat ghall-Komunikazzjoni Soċjali 36
3.4 *Communications Office* 40
3.5 Proposti għall-qasam tar-radju 42
3.6 Proposti għall-qasam tat-TV u l-produtturi indipendenti 45
3.7 Proposti għall-qasam tal-*media* stampata 47
3.8 *Media Education* 48

**Ir-raba' taqsima: Ħarsa 'l quddiem** 53

**Il-ħames taqsima: Riferenzi** 57

# Ġabra fil-qosor tad-Dokument

# Introduzzjoni

i. Dan id- dokument jipproponi kif jistgħu jitqiegħdu fil-prattika diversi proposti u proġetti mitluba mis-Sinodu fil-qasam tal-pastorali tal-*media*
ii. Sekondarjament id-dokument jipproponi proposti u proġetti li jistgħu jitqiesu bħala żvilupp fuq dak li hemm fid-dokumenti tas-Sinodu.
iii. Għalhekk id-dokument huwa pass ieħor fl-implimentazzjoni ta' dak mitlub mis-Sinodu. F'ċertu sens dan huwa dokument ta' tranżizzjoni bejn dak li talab is-Sinodu Djoċesan u dak li għad irid jintalab fi Pjan Pastorali għas-settur kif mitlub fid-dokument *Xandir tal-Kelma* (2003).
iv. Hemm, iżda, diversi proposti li saru mis-Sinodu li ma ġewx trattati hawn jew ma ġewx trattati bi profondità li jixirqilhom. Insemmu, bħala eżempju, l-*Media Centre* , il-websajt ta' l-Arċidjocesi u l-użu tal-*group media*. Teknikament dan mhux Pjan Pastorali dwar l-użu tal-*media* tant li jipproponi passi konkreti biex dan il-Pjan jitwettaq.

## 1. L-Ewwel Taqsima. Il-*media* fis-soċjetà Maltija

### 1.1 Il-*mediascape* Maltija fi kliem is-Sinodu

Diversi dokumenti tas-Sinodu jittrattaw il-kontenut, l-użu, l-influwenza u l-istrutturi tal-*media* fis-soċjetà Maltija.
Il-*media* ġabu bidla "rivoluzzjonarja". Din il-bidla għandha aspett ekonomiku. Dan l-aspett qed jieħu s-sopravvent tant li l-kunċett ta' "*media* għas-servizz" qiegħed jinbidel f'"*media* għan-negozju." Hemm ukoll aspetti kulturali u ta' valuri għax "il-kriterji morali proposti l-ħin kollu jikkuntrastaw ma' dawk li l-kultura tagħna nbniet fuqhom sa llum."
Is-Sinodu, barra li jħares lejn l-effetti tal-*media* fuq is-soċjetà, jara wkoll l-effetti diretti fuq il-Knisja bħala istituzzjoni.

### 1.2 Il-karatteristiċi ewlenin u implikazzjonijiet pastorali

Il-*mediascape* ta' pajjiżna hija karatterizzata minn:

- Pajjiż b'saturazzjoni tal-*media*
- Mudell b'taħlita ta' proprjetà minn istituzzjonijiet u oħrajn minn organizzazzjonijiet kummerċjali
- Tkabbir ta' l-industrija tal-produtturi indipendenti
- Għadd kbir ta' stazzjonijiet tal-komunità
- L-espansjoni tat-teknoloġija diġitali, il-*broadband* u l-*media* l-ġdida
- Kontenut b'*text* dejjem iżjed b'valuri varji.

Kull waħda minn dawn il-karatteristiċi għandha implikazzjonijiet pastorali

## 2. It-tieni Taqsima. Il-viżjoni tal-Knisja għall-*media*

### 2.1 Il-viżjoni tal-Knisja għall-*media*

Meta tħares lejn il-*media*, il-Knisja universali tara "mezzi teknoloġiċi tal-għaġeb" u "rigali ta' Alla". Il-Knisja tagħraf li l-*medi*a "għandhom l-awtonomija tagħhom" u li "is-siwi tagħhom jitkejjel daqskemm huma mezz ta' għaqda fost l-ulied ta' Alla mxerrda ma' l-erbat irjieħ tad-dinja."

Fid-dawl tal-Vanġelu, il-Knisja tressaq sitt sfidi quddiem il-*media*. Iżda l-Knisja tagħraf li, bħall-bqija tar-realtà umana, il-*media* huma feruti mid-dnub.

### 2.2 Il-missjoni tal-Knisja b'risq il-*media*

Il-Knisja tara li l-missjoni tagħha ta' oħt u qaddejja taqdiha f'dan il-qasam billi tgħin lill-*media* f'Malta jwettqu sitt ħidmiet fosthom li iwasslu aħjar il-valuri tal-Vanġelu.

Din il-missjoni ta' servizz il-Knisja taqdiha b'diversi forom u manjieri:

i. Tipprovdi leħen u kuxjenza kritika.
ii. Tikkoopera ma' dawk kollha li jfittxu biex il-*media* jwettqu l-missjoni tagħhom b'risq il-bniedem.
iii. Tmexxi organizzazzjonijiet tal-*media* li jqiegħdu s-servizz tal-bniedem qabel kollox. Il-Knisja taħdem biex il-*media* tagħha ma jinbidlux f'siti ta' poter għall-istituzzjoni iżda f'siti ġodda ta' servizz għall-bnedmin.
iv. Tagħmel ħidma biex l-udjenzi ikunu *empowered*.

# 3. It-tielet taqsima. Proġetti u proposti

## 3.1 Sinerġija u koordinament

### 3.1.1 X'jgħid is-Sinodu

Is-Sinodu jitlob għall-koordinament "f'kull livell tal-komunità ekkleżjali tagħna" saħansitra bħala parti mill-ispiritwalità tal-komunjoni. Is-Sinodu jilmenta li dan mhux dejjem isir.

### 3.1.2 Ħidma proposta li ssir

i. **Koordinament:** Id-dokument jiddiskuti d-diversi elementi stutturali li jtellfu li jsir il-koordinament.

**ii. Koordinament: strateġija proposta**

- Fit-tfassil ta' l-istrategija tal-koordinament għandhom ikunu involuti l-gruppi u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam.
- Il-karatteristiċi tal-koordinament
- Ir-rwol tas-Segretarjat għall-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali f'dan il-koordinament

**iii. *Timeframe*** li fih isir dak propost**.**

## 3.2 Koperazzjoni bejn iż-żewġ Djoċesijiet

i. **Proposta**
Is-Sinodu Djoċesan jgħid li s-Segretarjat Komunikazzjoni Soċjali għandu jagħmel pjan għall-użu pastorali tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali. Issir diskussjoni mad-djoċesi ta' Għawdex biex jinstab l-aħjar mod ta' koperazzjoni bejn iż-żewġ djoċesijiet.

ii. ***Timeframe*** li fih isir dak propost.

## 3.3 Is- Segretarjat għall-Komunikazzjoni Soċjali

### 3.3.1 X'jgħid is-Sinodu

Għandu jerga' jinbena s-Segretarjat u jinħatar Delegat li jikkoordina, janima u jistimola l-ħidma f'dan il-qasam. Is-Segretarjat, barra l-ħidma strateġika, għandu jagħmel ħidma oħra. Isemmi wkoll distinzjoni bejn is-Segretarjat u l-

*Media Centre*;[1] li jqabbilha ma' dik bejn regolatur (Segretarjat) u operatur (*Media Centre*).

**3.3.2 Ħidma proposta li ssir**

i. **Jitwaqqaf is-Segretarjat: il-ħidma tiegħu.** Dan ir-rapport isemmi 15-il ħidma li għandu jwettaq is-Segretarjat.

ii. **Segretarjat: Tmexxija**
Is-Segretarjat ikun immexxi mid-Delegat flimkien ma' Kunsill, għadd ta' sotto kumitati jew gruppi *ad hoc* li jmexxu ħidmiet partikolari tiegħu; u għadd ta' kumitati konġunti magħmula minn diversi organizzazzjonijiet tal-Knisja li jaħdmu fl-istess qasam tal-*media*.

iii. ***Timeframe*** li fih isir dak propost

## 3.4 *Communications Office*

**3.4.1 X'jgħid is-Sinodu**

Is-Sinodu jinnota li qed jiżdiedu l-attakki kontinwi u l-kritika distruttiva bil-ħsieb li tiġi fix-xejn il-kredibbiltà tal-Knisja u jissuġġerixxi l-bini ta' *Communications Office.*

**3.4.2 Ħidma proposta li ssir**

**i. Bini ta' *Communications Office*.** Id-dokument jipproponi l-ħidma li għandu jagħmel dan l-uffiċċju.

**ii. Tmexxija u kompożizzjoni**
Il-*Communications Office* għandu jkun parti mis-Segretarjat Komunikazzjoni Soċjali.

**iii. Pjan Pastorali u koperazzjoni bejn iż-żewġ djoċesijiet.**

## 3.5 Proposti għall-qasam tar-radju

**3.5.1 X'jgħid is-Sinodu**

Dwar il-qasam tar-radju, id-dokumenti tas-Sinodu jsemmu li l-RTK qabad sew u l-ħtieġa tal-preżenza ta' l-insara f'dan il-qasam.
Mill-promulgazzjoni tad-dokumenti tas-Sinodu sa llum kien hemm diversi żviluppi fil-qasam tar-radju li rridu nindirizzaw.

**3.5.2 Ħidma proposta li ssir**

i. **L-istazzjonijiet bi frekwenza nazzjonali**
L-RTK u Radju Maria huma żewġ stazzjonijiet differenti u jibqgħu jagħmlu suċċess jekk jenfasizzaw fil-kontenut tagħhom il-missjoni differenti li għandhom.
Id-dokument jitlob tmien ħidmiet konkreti mill-RTK u Radju Marija.

**ii. L-istazzjonijiet tal-komunità.** Għadd ta' proposti ta' ħidma.

iii. **L-istazzjonijiet mhux tal-Knisja.** Is-Segretarjat joffri s-servizzi tiegħu f'rispett sħiħ lejn in-natura u l-awtonomija tagħhom.

**iv. L-isfida tad-diġitali**
Jissemmew għadd ta' sfidi fosthom il-possibiltà li jinfetaħ stazzjon ġdid tar-radju li jkun immirat għaż-żgħażagħ.

## 3.6 Proposti għall-qasam tat-TV u tal-produtturi indipendenti

**3.6.1 X'jgħid is-Sinodu**

Ħtieġa ta' "preżenza aktar qawwija fuq stazzjonijiet eżistenti tar-radju u t-televiżjoni." Isemmi ċentri ta' produzzjoni Kattoliċi.

[1] Ara *Xandir tal-Kelma (2003)* para. 21, fn. 20.

**3.6.2 Ħidma proposta li ssir**

**Ma tiftaħx stazzjon tat-TV.** Tennija ta' dan l-impenn

i. **Djar ta' produzzjoni fi ħdan il-Knisja**
Is-Segretarjat għandu jlaqqa' lil produtturi oħra fi ħdan il-Knisja biex ifasslu pjan stateġiku li jindika l-koperazzjoni bejniethom.

ii. **Produtturi indipendenti u stazzjonijiet TV**
Permezz tal-produtturi Kattoliċi jew inkella direttament, is-Segretarjat ifassal stateġija ta' ħidma magħhom.

## 3.7 Proposti għall-qasam tal- *media* stampata

3.7.1 **X'qal is-Sinodu**

Is-Sinodu jgħid li " il-gazzetta *Il-Ġensillum* ma qabditx art." Ma hemmx riferenza għal forom oħra ta' stampa. Jgħid ukoll li "huwa dmir tal-Kattoliċi li jkunu preżenti f'dawn l-oqsma - radju, televiżjoni, gazzetti, *internet* - sabiex jaħdmu bħal ħmira fis-soċjeta'."

**3.7.2 Ħidma proposta li ssir**

i. **Deċiżjoni dwar *Il-Ġensillum***

ii. **Strateġija mill-Pjan Pastorali**
Il-Pjan Pastorali għandu jfassal l-istrateġija tal-Knisja rigward il-*media* stampata tal-Knisja u dik li mhix tal-Knisja.

## 3.8 *Media education*

3.8.1 **X'jgħid is-Sinodu**

Il-Knisja f'Malta kienet pijunier tal-*media education* f'pajjiżna. Is-Sinodu jagħraf din il-ħidma u jitlob li tkun parti integrali mit-tagħlim bażiku fil-livelli kollha ta' l-iskejjel tal-Knisja.

3.8.2 **Ħidma proposta li ssir**

3.8.2.1 **Programm fl-iskejjel**

Id-dokument jipproponi diversi ħidmiet għal dan il-qasam biex tiġi żblukkata s-sitwazzjoni preżenti.

3.8.2.2 **Programm barra l-iskejjel**

Id-dokument jipproponi ħidma mill-parroċċi, l-għaqdiet tal-lajċi u l-*media* tal-Knisja bħala servizz għall-ġenituri, għall-edukaturi, għall-komunikaturi u għaż-żgħażagħ. Jagħmel ukoll proposta biex tingħeleb il-qasma diġitali.

# 4. Ir-raba taqsima. Ħarsa 'l Quddiem

Il-Knisja għalhekk taħdem bla heda biex il-wiċċ tal-Mulej ikun proġettat b'mod sħiħ u ċar fl-isfera diġitali b'mod li l-bnedmin ikunu jistgħu jiddistingwuh mill-uċuħ l-oħra kollha li din id-dinja tipproġetta.

# 5. Il-ħames taqsima. Riferenzi

# Introduzzjoni

Dan huwa dokument li joħroġ minn diversi dokumenti tas-Sinodu Djoċesan.[2] Hu jipproponi kif jistgħu jitqiegħdu fil-prattika diversi proposti u proġetti mitluba mis-Sinodu fil-qasam tal-pastorali tal-*media*. Id-dokument iqis wkoll il-proċess ta' implimentazzjoni li diġà beda bid-dokumenti *Nimxu Flimkien fid-Dawl tal-Mulej. Pjan Pastorali 2005 – 2006*[3] u *Flimkien fi Kristu għas-Servizz tal-Bniedem. Pjan Pastorali 2007 – 2008*.[4]

Prinċipalment dan huwa dokument li jippjana l-attwazzjoni ta' diversi proposti mitluba mis-Sinodu. Hemm, iżda, diversi proposti li saru mis-Sinodu li ma ġewx trattati hawn jew ma ġewx trattati bi profondità li jixirqilhom. Insemmu bħala eżempju il-*Media Centre,*[5] il-websajt ta' l-Arċidjocesi[6] u l-użu tal-*group media*.[7] Dawn l-oqsma u possibilment oqsma oħra żgur li għandhom jiġu ttrattati bis-serjetà li jixirqilhom fit-tfassil ta' Pjan Pastorali, kif spjegat aktar 'il quddiem.

Dan id-dokument huwa wkoll sekondarjament dokument li jipproponi proposti u proġetti li jistgħu jitqiesu bħala żvilupp fuq dak li hemm fid-dokumenti tas-Sinodu. Huwa naturali li erba' snin wara l-pubblikazzjoni tad-dokumenti tas-Sinodu jkunu meħtieġa xi żviluppi u tibdil,  aktar u aktar f'qasam li jiżviluppa b'rata tant mgħaġġla.

Kull fejn jissemma proġett li jrid isir, x'aktarx li hemm wkoll imsemmija data sa meta dan il-proġett għandu jitlesta. Jekk il-proġetti ma jintrabtux b'data ta' tlestija wisq nibżgħu li jkun hemm il-periklu serju li l-affarijiet ma jimxux biżżejjed jew li ma jimxux fid-direzzjoni li tkun ippjanata.

B'mod parallel mal-ħidma fuq dan id-dokument għandha ssir ħidma oħra fuq l-aspetti finanzjarji tal-proposti imressqa. Huwa importanti li nkunu nafu għal xiex deħlin anke bħala piż finanzjarju. Għalhekk, wara l-proċess ta' konsultazzjoni, dan id-dokument għandu jkollu fih biss dawk il-proposti li għandna l-finanzi biex insostnuhom u għandna riżorsi umani li jistgħu jlestuhom fil-ħin.

Teknikament dan mhux Pjan Pastorali dwar l-użu tal-*media* għax ma jwettaqx il-kriterji kollha mitluba mid-dokument *Aetatis Novae* (1992). Dan id-dokument fil-fatt jipproponi passi konkreti biex Pjan bħal dan jitwettaq (ara taqsima 2.3.2 ).

Dan id-dokument, flimkien mal-*Pjan Pastorali 2005-6* u l-*Pjan Pastorali 2007-8,* huwa pass ieħor fl-implimentazzjoni ta' dak mitlub mis-Sinodu. F'ċertu sens dan huwa dokument ta' tranżizzjoni bejn dak li talab is-Sinodu Djoċesaan u dak li għad irid jintalab fi Pjan Pastorali għas-settur kif mixtieq kemm mill-*Aetatis Novae* (1992)[8] u kif anke mitlub fid-dokument *Xandir tal-Kelma* (2003).[9]

---

[2] Lista sħiħa tad-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan użati f'dan id-dokument tinstab f'Taqsima Ħamsa.
[3] Meta jintuża dan id-dokument issir riferenza għalih bħala Pjan Pastorali 2005-6.
[4] Fejn jintuża dan id-dokument issir riferenza għalih bħala Pjan Pastorali 2007 -8.
[5] Ara *Kultura, Soċjetà, Knisja* (2003)  para. 16,  *Xandir tal-Kelma* (2003)  para. 43
[6] Dan ġie ttrattat anke f'Pjan Pastorali 2005-6, p. 34 , Pjan Pastorali 2007-8, p. 25, u *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 44.
[7] Ara *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 21.
[8] Ara *Aetatis Novae* (1992) para. 21.
[9] Ara *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 43.

Aktar minn hekk, dan id-dokument u l-implimentazzjoni tal-proposti u l-proġetti li fih iħaffef il-proċess biex il-Pjan Pastorali jitfassal peress illi l-proposti magħmula għandhom jgħinu fil-bini ta' l-istruttura li eventwalment trid tfassal il-Pjan.

# 1. L-ewwel taqsima:

# Il-*media* fis-soċjetà Maltija

## 1.1 Il-*mediascape* Maltija fi kliem is-Sinodu

Diversi dokumenti tas-Sinodu jittrattaw il-kontenut, l-użu, l-influwenza u l-istrutturi tal-*media* fis-soċjetà Maltija.

*Il-Kuntest Malti* (2003), l-aktar f'paragrafu 8, jagħti sintesi tajba b'riferenza għall-produtturi indipendenti, ir-rwol tal-partiti politiċi, l-aċċess għall-kompjuter u l-istutturi li bniet il-Knisja. Il-bidla hija msejħa bħala "rivoluzzjonarja".[10]

Din il-bidla għandha aspett ekonomiku għax fil-*media* hemm "possibbiltà ta' qligħ ġdid - għajn ġdid ta' ġid - tant li qed tinħoloq tip ta' ekonomija ġdida".[11] Dan l-aspett qed jieħu s-sopravvent tant li "l-kunċett ta' '*media* għas-servizz' qiegħed jinbidel f''*media* għan-negozju'."[12]

Hemm ukoll aspetti kulturali u ta' valuri għax "il-kriterji morali proposti l-ħin kollu jikkuntrastaw ma' dawk li l-kultura tagħna nbniet fuqhom sa llum."[13] Dan id-dokument iqis il-pluraliżmu fix-xandir bħala "katalizzatur determinanti biex mentalità pluralista u aktarx materjalista tiġi propagata".[14]

Jingħataw diversi eżempji ta' din il-mentalità. *Żwieġ u Familja* (2003) jħoss li l-*media* qed ixerrdu l-edoniżmu u l-mentalità divorzista.[15] "M'hemmx dubju li l-proposta ta' stili differenti ta' ħajja u ta' mudelli differenti ta' familja li daħlu fid-djar tal-Maltin permezz tal-*Cable TV* u tas-satellita ħallew l-effett tagħhom."[16] *Djakonija u Ġustizzja* ( 2003) jagħmel riferenza għall-problema li teżisti f'pajjiżna meta jqis li l-*media* ġieli jintużaw biex tinġieb firda "għal skopijiet purament partiġġjani u elettorali."[17]

Is-Sinodu, barra li jħares lejn l-effetti tal-*media* fuq is-soċjetà, jara wkoll l-effetti diretti fuq il-Knisja bħala istituzzjoni. "F'dawn l-aħħar snin, qed jiżdiedu l-attakki kontinwi u l-kritika distruttiva f'ċerti programmi fuq il-mezzi tax-xandir kif ukoll fil-gazzetti bil-ħsieb li tiġi fix-xejn il-kredibbiltà tal-Knisja u biex jirrendu l-preżenza u l-influss tagħha fis-soċjetà Maltija bħala waħda għal kollox irrilevanti".[18]

Mhux kollox huwa daqstant negattiv tant li s-Sinodu jagħraf li l-*media* qed jgħinu lill-Knisja tifhem "ħafna li l-poplu hu sajjem kultant anke mill-elementi u n-nozzjonijiet l-iktar bażiċi tad-duttrina Nisranija u l-messaġġ evanġeliku".[19]

---

10 *Il-Kuntest Malti* (2003) para. 8.
11 *Il-Kuntest Malti* (2003) para. 8.
12 *Xandir tal-Kelma* (2003) para 21.
13 *Kultura, Soċjetà, Knisja* (2003) para. 15.
14 *Knisja, Soċjetà, Kultura* (2003) para. 15.
15 Ara *Żwieġ u Familja* (2003) para 24.
16 *Kultura, Soċjetà, Knisja* (2003) para. 15.
17 *Djakonija u Ġustizzja* (2003) para 14.
18 *Kultura, Soċjetà, Knisja* (2003) para. 19.
19 *Kultura, Soċjetà, Knisja* (2003) para. 76.

## 1.2 Il-karatteristiċi ewlenin u implikazzjonijiet pastorali

F'din it-taqsima nħarsu lejn il-karatteristiċi ewlenin tal-*mediascape* Maltija fid-dawl tad-dokumenti tas-Sinodu, ta' analiżi mil-lenti ta' l-istudju tal-komunikazzjoni u ta' żviluppi riċenti fil-qasam tal-komunikazzjoni soċjali f'pajjiżna. Insemmu wkoll għadd ta' implikazzjonijiet pastorali li għandhom dawn l-iżviluppi u r-realtajiet.

Il-*mediascape* ta' pajjiżna hija karatterizzata minn:[20]

- Pajjiż b'saturazzjoni tal-*media*
- Mudell b'taħlita ta' proprjetà minn istituzzjonijiet u oħrajn minn organizzazzjonijiet kummerċjali
- Tkabbir ta' l-industrija tal-produtturi indipendenti
- Għadd kbir ta' stazzjonijiet tal-komunità
- L-espansjoni tat-teknoloġija diġitali, il-*broadband* u l-*media* l-ġdida
- Kontenut b'*text* dejjem iżjed b'valuri varji.

### Pajjiż b'saturazzjoni tal-*media*

Pajjiżna huwa saturat bil-*media* u bl-organizzazzjonijiet li jmexxuhom. Biżżejjed ngħidu li sa issa għandna 12-il stazzjon tar-radju bi frekwenza nazzjonali, 52 stazzjon tar-radju tal-komunità[21] u 7 stazzjonijiet tat-TV. Dawn iċ-ċifri flimkien jittraduċu fi stazzjon għal kull 4.5 kilometru kwadru jew għal anqas minn 6,000 ruħ. L-għadd ta' l-istazzjonijiet mistenni jiżdied b'riżultat ta' l-introduzzjoni tat-teknoloġija diġitali.

Il-*media* stampata hija abbundanti: 4 gazzetti ta' kull jum u 12 ta' darba fil-ġimgħa. Il-gazzetti jirriflettu l-kultura bilingwa tagħna tant li huma kważi maqsuma min-nofs bejn gazzetti bl-Ingliż u oħrajn bil-Malti. Ma' ħafna minnhom qed jiġu ppubblikati u mqassma b'xejn *magazines* ġeneralment *glossy* li huma finanzjati mill-għadd kbir ta' reklami li jkollhom. Dawn, flimkien ma' l-għadd ta' *magazines* oħra lokali u dawk impurtati, iwassal għal ċifra li taqbeż l-elf.

Jekk inqabblu ċ-ċifri tas-sena 2000 ma' dawk tas-sena 2006[22] nagħrfu t-tibdil li kien hemm fil-*mediscape* Maltija. L-Internet u l-*media* l-ġodda elettroniċi u l-użu tagħhom sploda f'dawn is-sitt snin (ara Taqsima 1.2.5).

Ma kellniex l-istess żjieda fl-għadd ta' djar bit-TV – xi 99% fiż-żewġ snin – għax konna ilna li lħaqna s-saturazzjoni f'dan il-qasam. Iżda żdiedu l-għadd

[20] Għal aktar analiżi f'din id-direzzjoni ara Borg (2007) u Borg (2008).

[21] Nofshom għandhom liċenzja "permanenti" u l-oħrajn għandhom liċenzja temporanja. Ta' l-aħħar ixandru għal perjodi qsar bħal, per eżempju, fi żmien il-Milied jew fi żmien il-festa jew fi żmien xi avveniment partikolari.

[22] Iċ-cifri f'dan il-kamp – l-aktar fejn jidħlu l-*media* elettroniċi – jinbidlu ta' spiss. Naturalment, qabel jiġi ippubblikat – jekk jiġi ippubblikat – id-dokument, allura ċ-ċifri jinbidlu biex jirriflettu dawk l-aktar ricenti.

ta' djar li għandhom żewġ settijiet tat-TV u aktar.[23] Inbidel ukoll il-mod kif in-nies jirċevu t-televiżjoni. Fl-2000 l-aktar mod komuni – 72% tad-djar – kien dak terrestri *analogue*.[24] Illum l-aktar mod komuni huwa l-*cable* – 67.5% tad-djar – waqt li t-terrestri *analogue* niżel għal 20.5%.[25] Hawn aktar djar li għandhom mill-anqas sett wieħed tat-TV minn djar li għandhom *washing machine* jew *fridge freezer*.[26]

Il-bidla fil-*media*, l-għadd tagħhom, il-mod kif nirċevuhom u nużawhom jittraduċu ruħhom f'influwenza fuqna, per eżempju fuq il-ħin disponibbli għal dak li mhux *media*, fuq ix-xejriet tar-relazzjonijiet fil-familji, fuq it-tkabbir fl-istatus tal-*media* fuq l-istituzzjonijiet l-oħra u fuq tant oqsma oħra tal-ħajja. Jiġri li l-ilħna fuq il-*media* jitqiesu fuq kull leħen ieħor u x'aktarx jiġri wkoll li fuq il-*media* ma jkollokx l-ilħna kollha.

**Mudell b'taħlita ta' proprjetà ta' l-istituzzjonijiet u oħrajn minn organizzazzjonijiet kummerċjali**

Il-mudell Malti huwa pjuttost uniku. L-istituzzjonijiet – l-Istat, il-partiti politiċi, unjin minnhom u l-Knisja – għandhom post qawwi fil-*media*. Huma jiddominaw il-qasam tat-TV u tal-gazzetti bil-Malti waqt li għandhom ukoll il-maġġoranza tas-semmiegħa tar-radju. Dan il-post sostanzjali jirrifletti r-rwol ta' l-istituzzjonijiet fil-pajjiż. Iżda aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed jinbidel dan ir-rwol u, konsegwentement, il-preżenza tal-qasam kummerċjali qed tinħass aktar fil-proprjetà ta' media differenti. Illum il-qasam kummerċjali jiddomina bil-gazzetti bl-Ingliż u bil-*magazines*, u għandu preżenza tajba fix-xandir bir-radju.

Waqt li sa issa l-istazzjonijiet televiżivi kummerċjali ma rnexxilhomx jippenetraw is-suq, hemm preżenza qawwija tas-settur minħabba l-produtturi indipendenti. Barra minn hekk, minħabba l-ispejjeż involuti fit-tħaddim ta' l-istazzjonijiet tat-TV, qed jiġri li l-*ethos* kummerċjali qed jinfluwenza kemm lill-istazzjonijiet tal-partiti politiċi kif ukoll dawk l-istazzjonijiet ta' servizz pubbliku.[27]

Il-preżenza qawwija tal-partiti politiċi fix-xena tal-*media* ġġib magħha, fost l-oħrajn, il-problema marbuta ma' tagħrif, l-aktar aħbarijiet. Dawn huma konsistentement mgħoddija b'mod parzjali għall-aħħar u kemm-il darba b'mod manipulat. L-aħbarijiet manipulati jistgħu jkattru l-firda fil-pajjiż. Jista' jiġri wkoll li minħabba nuqqas ta' aħbarijiet bilanċjati u b'firxa wiesgħa, in-nies ma jkollhomx it-tagħrif li għandhom bżonn biex jaġixxu ta' ċittadini maturi. Mill-banda l-oħra, il-qasam kummerċjali jdaħħal il-mentalità li l-*media* ma teżistix biex tkattar il-komunikazzjoni iżda biex tkattar il-flus tas-

---

23 Skond il-*Household and Dwellings Possession* (NSO 60/2003), fl-2002 nofs id-djar diġà kellhom żewġ settijiet tat-TV jew aktar. Fi żmien qasir għandhom joħorġu r-riżultati taċ-Ċensiment 2005 u din iċ-ċifra mistennija li tiżdied ħafna.

24 Ara *Household Budgetary Survey* 2000.

25 Ara *Broadcasting Authority 2007.*

26 Ara *NSO 60/2003.*

27 Ara Borg, J, Fenech, D., u Lauri, M.A. (2005).

sidien. F'din il-mentalità l-kontenut huwa sekondarju għall-profitt li quddiemu jmil kollox. Dan iġib miegħu forma oħra ta' manipulazzjoni billi jtendi li jippromwovi kontenut li jbaxxi l-livelli ħalli jissodisfa l-istinti mhux tant għolja ta' l-udjenzi. Riżultat ta' dan tista' tkun l-aljenazzjoni bil-konsegwenzi negattivi li din iġġib magħha.

Din is-sitwazzjoni jista' jkollha wkoll effetti pożittivi. Jista' jiġri li *media* politiċi jkollhom aktar kuraġġ biex jikxfu nuqqasijiet "ta' l-oħrajn"; u dan jista' jgħin lid-demokrazija. Mill-banda l-oħra l-*media* kummerċjali jistgħu iġibu magħhom sens ta' effiċjenza u professjonalità li jista' jtejjeb il-kwalità. Iżda f'pajjiżna s'issa ma tantx gawdejna minn dawn il-vantaġġi.

Kull organizzazzjoni tal-*media* – marbuta ma' istituzzjoni jew ma' organizzazjoni kummerċjali – għandha aġenda li tinfluwenza l-kontenut.[28] L-aġenda tal-*media* ta' l-istituzzjonijiet hija ġeneralment dikjarata u magħrufa waqt li l-*media* kummerċjali għandhom aġenda li ħafna drabi la tkun dikjarata u l-anqas tkun ċara. Il-Knisja, per eżempju, kemm-il darba ilmentat li hawn min għandu aġenda kritika għall-Knisja.[29]

### Tkabbir ta' l-industrija tal-produtturi indipendenti[30]

Il-pluraliżmu fil-qasam televiżiv welled miegħu l-industrija tal-produtturi indipendenti. Din ingħatat spinta wara li b'deċiżjoni tal-*Politika Nazzjonali dwar ix-Xandir*, ġiet adottata "politika aggressiva ta' *outsourcing*" mill-PBS Ltd.[31] Pubblikazzjoni tal-Ministeru għall-Kultura maħruġa fl-2006 tagħmel lista ta' 19-il kumpanija jew grupp f'dan il-qasam.[32] Dawn ivarjaw minn organizzazzjonijiet jew individwi li jipproduċu xi programm wieħed għal organizzazjonijiet kbar li saru *business*. Bejniethom jimpjegaw għexieren ta' nies u jipproduċu l-biċċa l-kbira tal-programmi li jidhru fuq l-istazzjonijiet televiżivi Maltin.

Din il-preżenza tipprovdi opportunità ta' impjieg u sfog għall-kreattività. Barra minn hekk qed jitkattru l-aġendi li jistgħu jsibu post fuq ix-xandir bil-vantaġġi u l-iżvantaġġi li dan iġib miegħu. Tant produtturi indipendenti jistgħu jsaħħu l-pluraliżmu billi jżidu l-ilħna u l-ilwien fix-xenarju tal-*media*, iżda jistgħu wkoll idgħajfuh jekk jitwieldu konċentrazzjonijiet ġodda fejn, minħabba l-pressjoni tas-suq, il-kbar jibilgħu liż-żgħar.

Qed jiġri wkoll li l-istampa kummerċjali qed tifforma *production houses* u permezz tagħhom tipprova ddaħħal sieq fuq l-istazzjonijiet televiżivi. Għad irridu naraw jekk dan l-iżvilupp joħloqx konċentrazzjonijiet ġodda ta' poter u,

---

28 Għal kif taħdem din id-dinamika f'Malta, ara Sammut (2007).

29 Ara *Kultura, Soċjetà, Knisja* (2003) para. 19.

30 Id-*Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea dwar it-Televiżjoni Mingħajr Fruntieri* (artiklu 5) issemmi l-produtturi li jkunu indipendenti mix-xandara. L-Istati membri huma mitluba biex 10% tal-ħin tat-trasmissjoni (wara li jinqatgħu ċerti ġeneri ta' programmi) jew 10% tal-baġits ikunu riservati għall-xogħlijiet ta' produtturi indipendenti mix-xandara.

31 Ara *National Broadcasting Policy* (2004) para. 28.

32 Ara *Media Programme + A Guide to Maltese Producers* (2006).

jekk dan jiġri, x'effett dan iħalli fuq id-dritt tan-nies għal pluraliżmu veru fil-qasam ta' l-informazzjoni.

Minħabba l-penetrazzjoni tal-produtturi indipendenti fis-suq televiżiv u minħabba li l-Maltin l-aktar li issa saru jaraw huma programmi Maltin fuq l-istazzjonijiet Maltin, jista' jkun hemm min jaħseb li l-Maltin mhumiex tant esposti għall-prodotti televiżivi barrarin. Dan mhux għal kollox korrett billi l-produtturi Maltin jikkupjaw formati, stili u kontenuti ta' programmi barranin u billi ukoll hemm għadd mhux ħażin ta' nies li minn żmien għal żmien jaraw programmi barranin. Minħabba dawn iż-żewġ raġunijiet, il-mudelli ta' ħajja "barranija" huma preżenti fostna.

## Għadd kbir ta' stazzjonijiet tal-komunità

It-52 stazzjon tal-komunità li hawn f'pajjiżna jagħtuna firxa wiesgħa ta' sidien: il-Knisja, individwi bi spirtu ċiviku jew b'tendenza imprenditorjali, każini u anki x-Xhieda ta' Ġehovah. Hemm wkoll varjetà kbira fil-kontenut imxandar – minn mużika għal programmi reliġjużi. Kien hemm tnejn minnhom – Radju Maria u Calypso - li "ggradwaw" b'suċċess għall-frekwenza nazzjonali u hemm uħud minnhom li jridu jemigraw lejn il-pjattaforma diġitali. Mhux l-istazzjonijiet kollha kellhom suċċess u wħud għalqu. B'mod ġenerali jista' jingħad li, kif juru diversi stħarriġ, l-istazzjonijiet tal-komunità għandhom udjenzi żgħar.[33]

Sakemm l-istazzjonijiet tal-komunità jkunu tassew qrib il-komunità u jipprovdu leħen lill-komunitajiet rispettivi li jservu, ikunu qegħdin iwettqu rwol importanti li jgħin fl-integrazzjoni u fl-awto-espressjoni tal-membri tal-komunità. Jekk dawn jintużaw biex iħeġġu xi forma ta' pika, allura jaqsmu, mhux jgħaqqdu, lill-komunità.

Diversi stazzjonijiet tal-komunità huma f'idejn il-Knisja, l-aktar fid-djoċesi ta' Għawdex. Dawn x'aktarx li jintużaw bħala estensjoni tal-ħidma tal-parroċċa; speċi ta' leħen estiż tal-kappillan. Dan fih il-vantaġġ tiegħu, iżda l-Knisja għandha tipprova tmur lilhinn minn dan billi tuża l-istazzjonijiet tagħha biex tgħin fil-bini tal-komunitajiet rispettivi billi tagħti leħen fuq dawn l-istazzjonijiet anki lill-organizzazzjonijiet u individwi li mhux parti mill-istrutturi tal-parroċċa.

## Id-diġitali, il-*broadband* u l-*media* l-ġdida

Fl-2006 żewġ terzi tad-djar kellhom kompjuter u aktar minn nofs kienu mqabbdin ma' l-Internet, waqt li 87% kellhom telefon ċellulari.[34] Dan jirrappreżenta qabża fuq sitt snin qabel meta terz tad-djar biss kellhom kompjuter[35], 9% kellhom l-Internet u 29% mobile[36]. Iċ-ċifri dejjem jiżdiedu.

---

[33] Ara BA May 2007; Ernst & Young, March 2006.
[34] Ara *NSO Press Release 253/2006.*
[35] Ara *Household Budgetary Survey 2000.*
[36] Ara *NSO Press Release 71/2001.*

Sa Mejju 2006 madwar terz tad-djar diġà kienu mqabbdin mas-sistema televiżiva diġitali[37] provduta minn żewġ operaturi. Sa l-aħħar ta' l-2010 kulħadd irid jkun mas-sistema għax ix-xandir *analogue* se jieqaf. Erbgħin fil-mija ta' dawk li għandhom l-Internet għandhom konnessjoni *broadband*.[38] Sa l-ewwel nofs ta' l-2008 huwa mistenni li jibda x-xandir tar-radju bis-sistema diġitali fuq pjattaforma li potenzjalment għandha post għal 160 stazzjon.

It-teknoloġija diġitali u dik tal-*broadband* qegħdin jirrivoluzzjonaw ix-xenarju kemm tal-*media* "tradizzjonali" kif ukoll tal-*media* l-ġodda.[39] F'pajjiżna din ir-rivoluzzjoni dieħla ġmielha. Din it-teknoloġija integrattiva u interattiva se żżid l-għadd ta' stazzjonijiet li jxandru u qed tbiddel in-natura tat-teknoloġija tal-*media*.

B'iPAQ illum iċċempel, tieħu r-ritratti u l-*video* u tittrasmettihom, tara t-TV, tibgħat l-SMS, tidħol fl-Internet u jkollok kompjuter f'idejk. Qed jinbidel, per eżempju, il-mod kif isiru l-programmi televiżivi. Se ngħaddu minn sistema televiżiva tiddependi fuq programmi mxandra mill-istazzjonijiet għal sistema fejn in-nies jistgħu "joħolqu" l-istazzjon televiżiv tagħhom mill-ħafna servizzi *on demand* u b'hekk jaraw li jridu u x'ħin iridu.

Ir-rivoluzzjoni teknoloġika ġġib magħha rivoluzzjoni ekonomika, soċjali u kulturali. Iqumu ħafna mistoqsijiet u konsiderazzjonijiet: Il-fatt li se jkollna aktar *media* jfisser li qed ikollna *media* aħjar u qed nikkomunikaw aktar minn qabel? L-għadd enormi ta' *media* li hawn qed jagħmel ir-regolamentazzjoni u ċ-ċensura aktar diffiċli u l-edukazzjoni fil-*media* aktar importanti. Irridu għalhekk nibnu fuq il-maturità u mhux fuq il-protezzjoni. Illum kulħadd irid li jkun *in touch* il-ħin kollu u jikseb l-informazzjoni li għandu bżonn jew jikkuntattja lil min irid f'ħakka ta' għajn. Donnu ħadd ma għadu jaf jistenna. Ħafna qed jibnu relazzjonijiet fil-komunitajiet virtwali. X'effett se jkollhom fuq ir-relazzjonijiet fid-dinja reali? Il-miżura tar-realtà dejjem u dejjem aktar qed isiru l-*media*. Hemm possibiltajiet kbar ta' tkattir fil-komunikazzjoni bejn il-bnedmin iżda hemm ukoll il-periklu ta' firda diġitali. Sinjali tagħha jinsabu anki f'pajjiżna. Per eżempju l-familji bi dħul kbir għandhom aktar *media* mill-familji bi dħul żgħir.[40] It-tfal fl-iskejjel indipendenti għandhom ħafna aktar aċċess għall-kompjuters u l-Internet mid-dar milli għandhom it-tfal fl-iskejjel l-oħrajn.[41] L-Istat Malti huwa attiv ħafna biex il-firda diġitali tintrebaħ.

**Kontenut b'*text* dejjem iżjed b'valuri varji**

Is-*supermarket* tal-*media* joffri lill-udjenzi varjetà kbira ta' opinjonijiet, "stejjer" u personalitajiet li jperrċu stili ta' ħajja u valuri differenti.

---

[37] Informazzjoni miġbura minn tagħrif li taw iż-żewġ operaturi tad-diġitali f'Mejju 2007. Ara www.timesofmalta.com/core/article.php?id=260663 misjub fit-12 ta' Mejju 2007 u "Maltacom Group hits 15,000 TV subscriptions, as special offer is extended" www.dive.com/dive/portal.jhtml?id=275846&pid=80 misjub fit-12 ta' Mejju 2007

[38] Ara *NSO Press Release 24/2007*.

[39] Ara *Media with a Purpose* (2003).

[40] Ara *NSO 60/2003*.

[41] Ara *NSO 230/2005*.

Hemm ħafna li huwa tajjeb, sabiħ u jseddaq lid-dinjità tal-bniedem. Fil-*media* Maltija l-Knisja u l-valuri Nsara għadhom isibu post ġeneralment tajjeb. Ir-rappurtaġġ tant estensiv li ngħataw il-ħatriet ta' l-Isqof Mons Mario Grech u l-Arċisqof Pawlu Cremona OP, flimkien mal-kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca, juru dan. Hemm wkoll għadd ta' programmi reliġjużi fuq diversi stazzjonijiet tat-TV u tar-radju. Anki l-gazzetti ġeneralment ma jkunux iebsa wisq mal-Knisja.

Mill-banda l-oħra, ħafna fil-Knisja, bħal ħafna f'diversi istituzzjonijiet oħra, iħossu li daħlet wkoll kritika kultant inġusta tal-Knisja, dak li tagħmel u l-valuri li tħaddan u tippriedka. Il-Knisja hija istituzzjoni kbira u l-operat tagħha naturalment huwa miftuħ għall-kritika. Dan lill-Knisja ma tantx jinkwitaha għax il-kritika, anke meta meqjusa bħala goffa, hija ħaġa mistennija u meħtieġa f'soċjetà pluralista. Quddiem dan kollu l-Knisja, bħal kull individwu jew istituzzjoni oħra, tistenna biss li meta tqum kontroversja jew argument fil-*media* dejjem tingħata ċ-ċans li leħinha u l-pożizzjonijiet tagħha jinstemgħu wkoll. Biex taghmel dan, irid ikollha nies ippreparati ghal fuq il-*media* u strateġija preċiża dwar kif jitwassal il-messaġġ tagħha.

Li jħasseb lill-Knisja mhux il-kritika lill-istituzzjoni, iżda t-tixrid ta' valuri li ma jseddqux id-dinjità tal-bniedem. Ħafna drabi l-istili ta' ħajja murija bħala l-aħjar mis-sensiliet, *soap operas*, *films* eċċ jipproġettaw bħala l-ideali l-valuri ta' l-individwaliżmu, l-edoniżmu u l-gratifikazzjoni immedjata. Il-konsumiżmu u l-ġid materjali huma murija bħala t-triq lejn l-hena vera. L-adulterju u s-sess qabel iż-żwieġ huma murija bħala n-normalità. L-oppost tagħhom huwa muri bħala stramberija. Il-bniedem ħafna drabi hu muri bħala li għandu valur minħabba dak li jippossedi u mhux għax għandu dinjità intrinsika.

Din il-viżjoni riduzzjonista tal-bniedem tipprovdi sfida serja mhux biss għal-Knisja iżda għal dawk kollha li għandhom viżjoni tal-bniedem li tinkludi iżda tmur lilhinn mid-dimensjoni purament materjali.

Ma għandniex ninħakmu mill-paniku u naħsbu li għax it-*text* ta' ħafna mill-programmi tat-televiżjoni – nistgħu ngħidu l-istess għal *media* oħra – huwa *text* miftuħ għal interpretazzjoni u jvarja mill-valuri Insara, allura l-udjenzi kollha u dejjem jibilgħuh kif ikun. Ir-relazzjoni bejn l-udjenzi u t-*texts* tal-*media* hija kumplessa ħafna, iżda b'mod ġenerali nistgħu ngħidu li l-udjenzi jaslu għall-interpretazzjoni tagħhom wara proċess ta' negozjar fid-dawl tal-valuri, edukazzjoni, attitudnijiet u grupp soċjali li jħaddnu, fost l-oħrajn.[42] L-udjenzi, għalhekk, mhumiex karta xuga li tibla' kollox. Per eżempju, f'pajjiżna qed jidhru sinjali li l-udjenzi mhux dejjem jinterpretaw it-*text* tal-*media* skond id-daqqa tal-bakketta ta' l-istituzzjonijiet.[43] Iżda mill-banda l-oħra niżbaljaw jekk innaqqsu mill-qawwa kbira tal-*media* li tinfluwenza u tbiddel attitudnijiet u azzjonijiet.

---

42 Ara Croteau, D. U Hoynes, W. (2003); McQuail, D. (2005).

43 Ara Sammut (2007).

Il-pluraliżmu qawwi muri fit-*texts* imxandra mill-*media* u l-possibiltà li min irid ixandar l-opinjonijiet tiegħu – eżempju programmi *phone-ins*[44], *talk shows*, siti ta' l-Internet bħal *Youtube* – kattru (flimkien ma' prodotti oħra tal-*media*) il-mentalità li tista' u għandek tiċċalinġja kollox għax donnu li ma hemm xejn tajjeb jew ħażin fih innifsu. Din l-attitudni ta' relativiżmu u soġġettiviżmu morali hija fl-għerq tal-konfużjoni morali li naraw fostna u li diversi fil-*media* jippropagaw attivament anke jekk mhux direttament.

Irridu nagħafu li fil-kultura tagħna x-xandir ta' mudelli differenti ta' stili tal-ħajja u sistemi ta' valuri u twemmin – anki dawk ostili għalina – se jkompli. Għalhekk l-istrateġija tal-Knisja jeħtieġ li titfassal bl-għaqal, skond il-ħila u l-kreattività mitluba mil-lingwaġġ ta' *media* differenti, il-gosti ta' l-udjenzi u l-ħtiġijiet tal-messaġġ tagħna. Il-taqsima li jmiss tagħti l-vizjoni li mbagħad tanima l-proposti li nressqu fit-tielet taqsima biex inwieġbu għar-realtà deskritta hawn.

[44] Ara Borg (1997).

# 2. It-tieni taqsima:

# Il-viżjoni tal-Knisja għall-*media*

## 2.1 Il-viżjoni tal-Knisja għall-*media*

Il-Knisja li qiegħda f'Malta tanalizza l-karatteristiċi u r-rwol tal-*media* fis-soċjetà tagħna bl-għajnuna ta' dixxiplini akkademiċi differenti biex imbagħad tirrifletti fuqhom fid-dawl tal-Kelma ta' Alla u t-tagħlim li kien żviluppat fi ħdanha matul iż-żminijiet.

Din ir-riflessjoni, flimkien ma' l-esperjenza mgħixa, għenet lill-Knisja universali timxi lil hinn minn attitudni fejn il-*media* jitqiesu prinċipalment bħala oġġett ta' suspett, biża' u theddida.[45] Il-Knisja għarfet wkoll li lanqas għandha tħares lejhom bħala sempliċi estensjoni tal-pulptu[46] jew li jeżistu għas-servizz ta' l-istituzzjoni tal-Knisja jew xi istituzzjoni oħra politika, kummerċjali jew ta' xort'oħra.

Meta tħares lejn il-*media*, il-Knisja universali tara "mezzi teknoloġiċi tal-għaġeb."[47] Il-Knisja tqishom bħala "rigali ta' Alla."[48] Il-Knisja tagħraf li l-*medi*a "għandhom l-awtonomija tagħhom" u li "is-siwi tagħhom jitkejjel daqskemm huma mezz ta' għaqda fost l-ulied ta' Alla mxerrda ma' l-erbat irjieħ tad-dinja."[49]

Għalhekk il-Knisja ispirata mill-valuri tal-Vangelu tqiegħed quddiem il-*medi*a din l-isfida:

Il-*media* għandhom ikunu:

- mezz li jġibu l-għaqda billi jgħinu fil-ħolqien ta' komunità fir-rispett sħiħ tad-differenzi fi ħdanha;
- mezz biex il-bnedmin ta' razez, ilwien u twemmin differenti joqorbu lejn xulxin bħall-aħwa;
- mezz biex fuq id-dinja tinfirex nisġa ta' komunikazzjoni li sseddaq l-għaqda bejn il-bnedmin, tirrispetta l-kulturi differenti u tħares id-dinjità tal-bniedem;
- mezz biex is-sewwa u s-sabiħ ikunu magħrufa aħjar anke permezz tat-tħabbit flimkien ta' ideat u teoriji differenti u kuntrastanti;
- mezz biex ħadd ma jibqa' lura jew barra mill-progress mifhum b'mod sħiħ u mhux dak ekonomiku biss;
- mezz biex kulħadd ikollu leħen.

---

45 Ara Eilers, F. J. (1994).
46 Ara *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 21.
47 *Inter Mirifica* (1963) para. 1
48 *Communio et Progressio* (1971) para 2; *Aetatis Novae* (1992) para. 22.
49 *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 21.

Iżda l-Knisja tagħraf li bħall-bqija tar-realtà umana, il-*media* huma feruti mid-dnub. Għalhekk:

- flok għaqda ġieli jġibu l-firda;
- flok nisġa ta' komunikazzjoni ġieli jfasslu nisġa ta' aljenazzjoni;
- flok is-sewwa u s-sabiħ ġieli jxerrdu l-imgħawweġ u dak li jesplojtja;
- flok għodda ta' servizz ġieli jsiru siti ta' poter u qligħ tal-flus bi skapitu ta' kollox;
- flok ixierku lil kulħadd fil-progress ġieli jaqtgħu ħafna minnu.

## 2.2 Il-missjoni tal-Knisja b'risq il-*media*

Il-Knisja tara li l-missjoni tagħha ta' "oħt u qaddejja"[50] taqdiha f'dan il-qasam billi tgħin lill-*media* f'Malta:

- isseddqu l-għaqda, is-sliem u l-ġustizzja fost il-poplu tagħna f'rispett sħiħ għad-diversità li teżisti fi ħdanu;
- ixxerrdu s-sewwa u jkattru s-sabiħ waqt li jinformaw u jiddevertu;
- jippromwovu d-dinjità tal-bniedem u ma jxerrdux sterjotipi dwar ġens, orjentamenti sesswali, età, razza u reliġjon;
- iħarsu b'mod partikolari id-drittijiet tat-tfal u ta' dawk li b'xi mod jew ieħor ikunu f'xi sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà;
- iwasslu aħjar il-valuri tal-Vanġelu li sawru l-kultura u l-identità tagħna matul is-sekli;
- jaraw li l-ilħna kollha jkunu rappreżentati u rispettati.

Din il-missjoni ta' servizz il-Knisja taqdiha b'diversi forom u manjieri:

### i. Tipprovdi leħen u kuxjenza kritika

It-tendenza llum hija li kulħadd ibaxxi rasu quddiem il-*media* li llum aktar saru siti ta' poter politiku u kummerċjali minflok mezzi ta' komunikazzjoni, informazzjoni u divertiment. Ħafna jibżgħu jikkontestaw dawn is-siti ta' poter waqt li oħrajn jaċċettawhom bħala "allat" ġodda li fuq kliemhom ifasslu ħajjithom. Il-lum il-*media* jistgħu jibnu jew ifarrku individwi u organizzazzjonijiet. B'hekk jistgħu jinħolqu tiranniji ġodda għax ir-realtà issa

[50] *Viżjoni ta' Knisja Komunjoni* (2003) Preżentazzjoni

titkejjel minn dak li hemm fuq il-*media* u mhux bil-maqlub. F'dan ix-xenarju, il-bniedem minflok sid jista' jsir seftur.

Permezz ta' l-għodod provduti mix-xjenzi tal-komunikazzjoni, il-Knisja trid tistudja sew ir-rwol tal-*media* f'pajjiżna u kif dan ikun qed jiżviluppa, u tiddixxernih fid-dawl tal-Vanġelu. Fejn il-Knisja tara t-tajjeb għandha tfaħħru, tinkuraġġih u, fejn tista', tgħin biex jikber. Fejn il-Knisja tara żviluppi li ma jixirqux lill-bniedem allura għandha twettaq il-ħidma tagħha ta' denunzja profetika.

Dan jimplika li l-Knisja titkellem ċar u bla kantunieri. Jeħtieġ li f'dokumenti futuri r-riferenzi għal kliem bħal "firda", "aljenazzjoni" u "esplojtazzjoni", li f'dan id-dokument neċessarjament jissemmew b'mod ġenerali, jiġu applikati b'mod konkret għar-realtajiet tal-*media* f'pajjiżna u għal kif dawn jaffettwaw il-ħajja tan-nies. Jekk ma nagħmlux hekk, in-nies ma jirrelatawx dak li ngħidu u nagħmlu ma' ħajjithom, u allura s-servizz li rridu nagħtu jkun fil-vojt.

Il-Knisja fil-*media* trid tidher li hi kontra ċerti messaġġi u stili ta' ħajja preċizi u identifikabbli u mhux tidher li hija konfuża u beżgħana jew li hi kontra kull forma ta' tibdil soċjali.

Barra d-diskors ċar, id-denunzja profetika timplika azzjonijiet konkreti u simboliċi li jwasslu aħjar il-messaġġ.

### ii. Taħdem flimkien ma' dawk kollha li jfittxu biex il-*media* jwettqu l-missjoni tagħhom b'risq il-bniedem

Il-Knisja tagħraf li l-ħerqa tagħha li l-*media* jkunu ta' servizz għall-bniedem sħiħ u għall-bnedmin kollha mhix ħerqa tagħha biss. Hawn oħrajn fis-soċjetà tagħna, anke fost dawk li forsi mhumiex Insara, li għandhom l-istess ħerqa.

Il-Knisja taħdem fi spirtu ta' kooperazzjoni ma' dawn ukoll biex flimkien jintlaħaq l-għan aħħari li l-*media* jkunu tassew għas-servizz tal-bniedem sħiħ u tal-bnedmin kollha. Din il-ħidma titlob minna l-kuraġġ li nixxierku ma' oħrajn li mhux f'kollox jaqblu magħna u titlob sforz biex insibu l-mod kif. Iżda hu importanti ħafna li dan il-kuraġġ jinstab u l-isforz isir.

### iii. Tmexxi organizzazzjonijiet tal-*media* li jqiegħdu s-servizz tal-bniedem qabel kollox.

Il-Knisja għandha dritt li tifforma u tmexxi organizzazzjonijiet tal-*media*. Il-Knisja f'pajjiżna eżerċitat dan id-dritt u se tkompli teżerċitah f'diversi *media*. Iżda l-Knisja jeħtiġilha li tirreżisti t-tentazzjoni li fiha jaqgħu l-istituzzjonijet li jmexxu xi organizzazzjoni tal-*media*. Din it-tentazzjoni hija li l-ewwel għan li jfasslu għall-*media* rispettivi tagħhom ikun it-tħaris tad-drittijiet u l-ħtiġijiet ta' l-istituzzjonijiet li jkunu s-sidien. Il-Knisja m'għandiex iġġib ruħha hekk. Il-*media* tal-Knisja m'għandiex titħalla ssir sit li fuqu jiġu amplifikati jew

rispekkjati kwadri ta' poter istituzzjonali ta' l-istituzzjoni nnifisha. Il-Knisja għandha tħabrek biex l-ewwel għan ta' l-organizzazzjonijiet tal-*media* tagħha jkun it-tixrid ta' l-Aħbar it-Tajba fis-servizz tal-bniedem; imbagħad il-ħtiġijiet ta' l-istituzzjoni.

B'hekk il-Knisja tkun qed taħdem biex il-*media* tagħha ma jinbidlux f'siti ta' poter għall-istituzzjoni iżda f'siti ġodda ta' servizz għall-bnedmin.

**iv. Tagħmel ħidma biex l-udjenzi ikunu *empowered***

Fis-soċjetajiet tagħna hemm żbilanċ bejn is-setgħa tas-semmiegħa, tat-telespettaturi, tal-qarrejja u ta' dawk li jużaw xi *medium* partikolari, u s-setgħa tal-*media* u l-mexxejja tagħhom. Sfortunatament is-setgħa vera qiegħda f'idejn tat-tieni u mhux f'idejn ta' l-ewwel. Is-setgħa kbira tal-*media* – li kif diġà ktibna – fil-fatt jeżistu għas-servizz ta' dawk li għandhom is-setgħa politika jew kummerċjali qed joħloq *deficit* demokratiku kullimkien.

Il-Knisja trid taħdem b'kull mezz biex dan l-iżbilanċ jonqos sakemm naslu f'sitwazzjoni bil-maqlub ta' dik preżenti. Id-denunzja profetika u l-*media education* (Ara Taqsima 3.8) huma żewġ eżempji biss ta' ħidma f'dan ir-rigward.

Il-ħidmiet u l-proġetti li huma suġġeriti fit-tielet taqsima ta' dan id-dokument jispiraw ruħhom minn din il-viżjoni u jippruvaw ipoġġuha fil-prattika.

# 3. It-tielet taqsima:

# Proġetti u proposti

## 3.1 Sinerġija u kordinament

### 3.1.1 X'jgħid is-Sinodu

Il-koordinament bejn il-forzi pastorali differenti u l-bini ta' strategija komuni huma meqjusa bħala ta' importanza kbira ħafna. Fil-*Pjan Pastorali 1986-1991*[51] u *Lejn is-Sena 2000 bħala Familja* (1998)[52] saret enfasi fuq il-koordinament bejn il-forzi differenti fi ħdan il-Knisja.

Id-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan jagħmlu l-istess enfasi. *Viżjoni ta' Knisja Komunjoni* (2003) jitlob għall-koordinament "f'kull livell tal-komunità ekkleżjali tagħna"[53] saħansitra bħala parti mill-ispiritwalità tal-komunjoni. Dan mhux dejjem isir tant li s-Sinodu jilminta li "hija ħasra li minkejja diversi programmi u pjani pastorali għadek tara u tisma' bi sparpaljar ta' talenti u riżorsi."[54]

### 3.1.2 Ħidma proposta li ssir

i. **Koordinament: elementi stutturali li jtellfu**

Forsi ta' min jara xi elementi strutturali li jagħmlu it-twettiq ta' dan il-koordinament tant diffiċli.

a. Hemm differenza kbira bejn dak meħtieġ biex tikkordina l-forzi f'organizzazzjoni monolitika – eż. kumpanija kummerċjali – u dak meħtieġ biex tikkoordina organizzazzjoni bħall-Knisja li fil-konkret għandha fiha elementi differenti ħafna minn xulxin.

   L-organizzazzjonijiet tal-*media* fi ħdan il-Knisja jvarjaw ħafna fl-għamla, fil-missjoni u fil-personalità guridika tas-sidien. Insemmu xi eżempji. Hemm organizzazzjonijiet interdjoċesani (eż. Radju RTK), oħrajn ta' l-Arċidjoċesi (eż. *Media Centre*); ta' għaqdiet tal-lajċi (eż. *Leħen is-Sewwa*, Librerija Preċa, Rivista Kana, Veritas Press), jew ta' individwi (eż. *Christian Light Radio*), jew tar-religjuzi (eż. CAM, *Salesian Press*, iċ-Ċentru tal-Frangiskani). Hemm organizzazzjonijiet prinċipalment kummerċjali (eż.: l-istamperiji), oħrajn prinċipalment marbuta mat-twassil tal-messaġġ (ezempju: il-gazzetti ta' kull ġimgħa jew id-diversi *magazines*) u oħrajn imħallta bejn kummerċjali u twassil tal-messaġġ (eż. il-ħwienet li jbigħu l-kotba u oġġetti oħra).

b. Dawn l-elementi strutturali jagħmlu l-koordinament u s-sinerġija diffiċli. Meta magħhom iżżid, ġieli, problemi marbuta ma' personalitajiet, allura

---

[51] *Pjan Pastorali 1986-1991*, b'mod partikolari Kap VIII.
[52] *Lejn is-Sena 2000 bħala Familja. Pjan Pastorali 1998-2000,* b'mod partikolari para. 7.3.
[53] *Viżjoni ta' Knisja Komunjoni (*2003) para. 21.
[54] *Viżjoni ta' Knisja Komunjoni* (2003) para. 22.

d-diffikultà tikber u timmanifesta ruħha f'ħela ta' riżorsi u, f'xi każi, rivalità u kompetizzjoni ingusta.

c. Matul is-snin mhux dejjem kien hemm fiduċja daqs kemm xtaqna bejn dawk kollha mdaħħla fil-ħidma f'dan il-qasam. Il-fiduċja trid tinbena u tinkiseb biex din is-sitwazzjoni ma tibqax sejra hekk.

d. Fil-qasam sekulari u kummerċjali, insibu kuntrast qawwi ma' dan l-ambjent ekkleżjastiku ta' frammentazzjoni. Illum ix-xenarju tal-*media* kummerċjali huwa karatterizzat minn sinerġiji u kordinamenti mitluba mir-realtajiet finanzjarji. Il-konglomerazzjoni bejn gruppi li kienu kompetituri qed issir l-ordni tal-ġurnata. Fil-kaz tal-Knisja, il-kordinazzjoni ta' l-elementi differenti mhix biss mixtieqa minħabba raġunijiet ta' strateġija iżda hija neċessità li toħroġ min-natura tal-Knisja li trid tagħti xhieda ta' unità.

ii. **Ko-ordinament: strateġija proposta**

a. Fit-tfassil ta' l-istrategija tal-koordinament, għandhom ikunu involuti l-gruppi u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam. Din l-istrateġija għandha tirrispetta l-kompetenzi differenti, basta dawn ikunu suġġetti għall-ħtiġijiet komuni.

Per eżempju, jista' jkun hemm qbil li xi entijiet ikunu afdati b'ħidmiet partikolari u allura ħaddieħor ma jidħolx għalihom mingħajr qbil; jew inkella jista' jkun hemm proġetti komuni jew ikun hemm bdil ta' tagħrif u esperjenzi.

b. F'dan ix-xenarju, il-koordinament ikollu dawn il-karatteristiċi:

- Ikun voluntarju (għax joħrog minn strateġija maqbula b'mod komuni).

- Ikun bejn ugwali – għarfien sħiħ ta' l-awtonomija ta' l-entitajiet differenti. Allura forsi jingħeleb il-biża' li xi ħadd irid jibla' lil xi ħadd ieħor.

- Jirrispetta n-natura ta' l-entitajiet, p.e. kummerċjali jew *message centred* jew imħalltin. L-ogħla forma ta' koordinament għandu jkun bejn dawk l-entitajiet jew ħidmiet jew inizjattivi li huma *message centred*. Bejn l-entitajiet kummerċjali huwa naturali li tħalli livell għoli ta' kompetizzjoni. F'dan il-kaz il-koordinament ikun jixbah dak li qiegħed ġieli jintlaħaq bejn kumpaniji kummerċjali għax iħossu li jkun jaqblilhom jikkoordinaw.

c. F'din l-ipotesi, is-Segretarjat Komunikazzjoni Soċjali (li dwaru niktbu f'taqsima 2.2.3) ikollu:

- awtorità diretta fuq l-entitajiet li huma propjetà ta' l-Arċidjoċesi u jmexxi koordinament volontarju fid-dawl ta' l-istrateġija maqbula bejn l-entitajiet li jaħdmu fi ħdan il-Knisja iżda li s-sid tagħhom mhix l-Arċidjoċesi. Fejn ikun hemm strateġija li toħroġ minn deċiżjonijiet meħuda fl-ogħla livelli tal-Knisja f'Malta, allura l-koordinament ma jsirx biex tiġi stabbilita l-istrateġija iżda biex jinstab mezz kif din titpoġġa fil-prattika minn kull grupp.[55]

iii. ***Timeframe***

Is-Segretarjat, fi żmien "x" minn mindu jibda jiffunzjona[56] u wara konsultazzjoni ma' kull min hu mdaħħal fil-qasam, għandu jagħti lill-Arċisqof proposta konkreta dwar kif tfassal u se jaħdem il-koordinament.

## 3.2 Pjan Pastorali u kooperazzjoni bejn iż-żewġ djoċesijiet

i. **Proposta**

L-Istruzzjoni Pastorali *Aetatis Novae* (1992) tirrakkomanda mhux biss li kull Pjan Pastorali jkollu taqsima dwar il-*media* (*communications compenent*) iżda wkoll li jkun hemm Pjan Pastorali għall-qasam tal-komunikazzjoni soċjali.[57] Fl-appendiċi ta' l-istess dokument jingħataw linji gwida pjuttost dettaljati dwar kif dan il-pjan jitfassal u x'għandu jinkludi.[58]

Is-Sinodu Djoċesan jgħid li s-Segretarjat Komunikazzjoni Soċjali għandu jagħmel pjan għall-użu pastorali tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali.[59] Jgħid wkoll li "biex jitwettaq pjan sħiħ fil-qasam tal-*media*, jeħtieġ li jkun effettiv is-Segretarjat għall-Komunikazzjoni Soċjali b'għanijiet ċari u strateġija ta' twettiq ta' pjan imfassal skond il-ħtiġijiet tas-soċjetà Maltija llum."[60]

Barra li tagħmel dan il-Pjan Pastorali, l-Arċidjoċesi tagħmel kuntatti mad-Djoċesi ta' Għawdex biex tesplora l-aħjar modi ta' kooperazzjoni bejniethom f'dan il-qasam. Fost il-modi ta' kooperazzjoni li jiġu esplorati,

---

55 Eżempju: Jekk tittieħed deċiżjoni li l-prijorità ta' l-Arċidjoċesi għas-sena 'x' tkun ħidma għal żwieġ b'saħħtu, allura l-koordinament isir biex dan l-objettiv jitqiegħed fil-prattika minn gruppi differenti skond il-kariżma tagħhom.

56 F'dan id-dokument se jkun hemm diversi riferenzi għal *time frames*, jiġifieri għal dati sa meta dak li jkun qed jiġi propost irid jitwettaq. Naturalment, minħabba n-natura ta' dan id-dokument bħala proposta ta' abbozz, dawn il-miri ma jistgħux jingħataw b'eżattezza u allura r-riferenza għalihom hija dejjem "x".

57 Ara *Aetatis Novae* (1992) para. 21.

58 Ara *Aetatis Novae* (1992) para. 23-33.

59 Ara *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 43.

60 *Kultura, Soċjetà, Knisja* (2003) para. 16.

ikun hemm il-possibiltà li jkun hemm pjan ta' ħidma pastorali magħmul bejniethom. Iż-żewġ djoċesijiet flimkien jistgħu jesploraw ukoll ir-reviżjoni tan-Normi tal-Konferenza Episkopali dwar il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali.

Dawn il-proposti qed isiru fl-ispirtu ta' dak li jgħid is-Sinodu Djoċesan li jipprevedi li mad-Djoċesi ta' Għawdex ikun hemm "djalogu kontinwu fuq il-livelli kollha, ibda mill-Konferenza Episkopali, kif ukoll fi strutturi oħra fi ħdan iż-żewġ djoċesijiet li jkunu jfasslu *policies* maġġuri ta' pastorali."[61]

ii. ***Timeframe***

Għalhekk, minnufih kif jiġi ppubblikat dan id-dokument, is-Segretarjat jibda' l-ħidma fuq it-tfassil ta' Pjan Pastorali għall-Arċidjoċesi u jibda' taħditiet mad-Djoċesi ta' Għawdex biex jiġu identifikati l-oqsma fejn tista' tisseddaq il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ djoċesijiet u biex ikunu stabbiliti l-istrutturi meħtieġa inkluż  il-possibiltà ta' Pjan Pastorali konġunt.

## 3.3 Is- Segretarjat għall-Komunikazzjoni Soċjali

### 3.3.1 X'jgħid is-Sinodu

Huwa ċar li d-dokumenti tas-Sinodu jieħdu perspettiva ħolistika fejn tidħol l-istrateġija li għandha taddotta l-Arċidjoċesi ta' Malta fil-qasam tal-*media* u li biex din titwettaq għandu jkun hemm Segretarjat. "Biex jitwettaq pjan sħiħ fil-qasam tal-*media*, jeħtieġ li jkun effettiv is-Segretarjat għall-Komunikazzjoni Soċjali b'għanijiet ċari u strateġija ta' twettiq ta' pjan imfassal skond il-ħtiġijiet tas-soċjetà Maltija llum."[62]

Mid-dokumenti tas-Sinodu jirriżulta li:

i. għandu jerga' jinbena s-Segretarjat għall-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali;[63]

ii. għandu jinħatar Delegat li jikkoordina, janima u jistimola l-ħidma f'dan il-qasam;[64]

iii. dan is-Segretarjat ikollu bħala l-ħidmiet prinċipali tiegħu:
   - il-ħidma strategika biex ix-xandir tal-Kelma fuq il-mezzi tax-xandir isir b'mod koordinat;
   - biex issir ħidma pastorali fost ix-xandara;[65]

---

[61] *Viżjoni Knisja Komunjoni* (2003) para. 30.
[62] *Kultura, Soċjetà, Knisja* (2003)  para. 16.
[63] Ara *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 43.
[64] Ara *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 43.
[65] Ara *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 44.

- jagħmel pjan għall-użu pastorali tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali.[66]

iv. għandha toħrog ċara d-distinzjoni bejn is-Segretarjat u l-*Media Centre*;[67] distinzjoni li d-dokumenti tas-Sinodu jqabbluha ma' dik bejn regolatur (Segretarjat) u operatur (*Media Centre*). Fit-tfassil ta' din id-distinzjoni, irridu nagħtu kaz ir-realtajiet li joħorġu minn riżorsi limitati li jeżistu. Realtà oħra toħroġ mill-fatt li l-Arċidjoċesi hija s-sid ta' ċerti organizzazzjonijiet, eżempju l-*Media Centre*. F'arja ta' suspett li ġieli teżisti, dan jista' jqajjem il-biża' li allura s-Segretarjat ikun żbilanċjat favur entijiet li tagħhom l-Arċidjoċesi hija s-sid. Dan jista' jintrebaħ billi jkun ċar illi s-Segretarjat huwa regolatur fejn jidħol il-*Media Centre* biss. Fejn jidħlu relazzjonijiet ma' entijiet oħrajn, is-Segretarjat ifittex li jikkoordina u mhux li jirregola.

### 3.3.2 Ħidma proposta li ssir

#### i. Jitwaqqaf is-Segretarjat: il-ħidma tiegħu

Is-Segretarjat għall-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali għandu jkun stabbilit bħala l-organizzazzjoni fi ħdan l-Arċidjoċesi ta' Malta li tieħu ħsieb il-ħidma pastorali tal-Knisja permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali.

Fil-konkret, is-Segretarjat għandu jwettaq dawn il-ħidmiet:

a. Jieħu responsabbiltà għat-tfassil, għall-aġġornament kontinwu u għat-twettiq ta' l-istrateġija tal-Knisja fl-Arċidjoċesi ta' Malta fil-qasam tax-xandir tal-Kelma permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali kemm dawk tal-massa, dawk tal-gruppi u l-*media* l-ġdida.

b. Jieħu responsabbiltà għall-*Media Centre* u għas-sehem li l-Arċidjoċesi għandha fl-RTK. Ir-responsabbiltà tas-Segretarjat tinfirex fuq l-aspetti kollha ta' dawn l-organizzazzjonijiet skond is-sehem ta' l-Arċidjoċesi, iżda tagħti importanza partikolari lill-messaġġ komunikat.

c. B'rabta stretta mal-*Media Centre*, imexxi l-Klabb Qari Nistani, it-TV unit, il-websajt, grupp ghall-preżentazzjonijiet *multimedia* u kumitati oħrajn skond il-ħtieġa.[68] Is-Segretarjat ikun responsabbli tal-kontenut u l-messaġġ li joħroġ minn dawn l-inizjattivi, waqt li l-*Media Centre* ikun responsabbli mill-amministrazzjoni tagħhom.

---

66 Ara *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 43.

67 Ara *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 44.

68 Id-diskussjonijiet li jsiru waqt il-perjodu ta' konsultazzjoni dwar dan id-dokument għandhom jindikaw il-mod konkret ta' kif issir it-tmexxija. Jista' jkun hemm kumitati konġunti. Iżda jista' jintgħamel il-każ li dawn għandhom ikunu jew kumitati tas-Segretarjat li mbagħad jixtru s-servizzi mill-*Media Centre,* jew għandhom ikunu kumitati tal-*Media Centre* li jirrappurtaw lis-Segretarjat dwar *policy* fuq kontenut biss.

d. Jindika l-*policy* editorjali li għandu jkollhom il-*media* stampata maħruġa mill-Arċidjoċesi u jara li din tkun qed titqiegħed fil-prattika. Is-Segretarjat joħloq sinerġija bejn il-*policy* editorjali tar-radju, tal-gazzetta/*magazine*, ix-xandir religjuż u mezzi oħra għad-dispożizzjoni tiegħu. Naturalment fejn jidħol l-RTK, kollox isir bi qbil mad-Djoċesi ta' Għawdex.

e. Iwettaq ħidma strategika biex ix-xandir tal-Kelma permezz tal-*group* u *n-new media* u permezz tal-mezzi tax-xandir isir b'mod koordinat. Din il-ħidma jwettaqha:
   (i) b'mod dirett ma' l-entitajiet li s-sid tagħhom hija l-Arċidjoċesi, u
   (ii) b'laqgħat regolari ma' entitajiet oħra fi ħdan il-Knisja biex flimkien ifasslu kif għandu jitwettaq il-koordinament.

f. Imexxi, flimkien tas-Segretarjat għall-Edukazzjoni, il-programm ta' *media education* fl-iskejjel u barra l-iskejjel u anki ma' l-adulti. Il-*media* nfushom għandhom ikunu fost l-għodod użati għal dan il-għan. Is-Segretarjat jibni librerija ta' kotba u materjal edukattiv dwar is-suġġett (ara taqsima 3.8).

g. Ifassal u jmexxi programmi ta' taħriġ għall-operaturi pastorali li jaħdmu b'mod regolari fl-oqsma tal-mezzi tax-xandir, tal-kitba u tal-*group* u *new media*.

h. Jibni *team* ta' nies li jkunu mħarrgin biex iwasslu l-messaġġ ta' Kristu u tal-Knisja b'mod effettiv fil-*media* u fl-oqsma kulturali lokali bħal letteratura, teatru, arti, mużika.[69] F'dan il-qasam, jaħdem mill-qrib mal-Kummissjoni Kultura ta' l-Arċidjoċesi.

i. Jieħu ħsieb li joffri s-servizzi fil-qasam tax-xandir religjuż lill-istazzjonijiet tar-radju u tat-TV. Jirrappreżenta lill-Arċidjoċesi f'dawn il-kuntatti (ara taqsimiet 3.5 u 3.6).

j. Jaħdem biex is-servizz tal-Knisja lill-qasam tax-xandir imur lil hinn mix-xandir formalment religjuż iżda jinfirex ukoll f'ġeneri oħra ta' xandir.

k. Jaħdem ma' organizzazzjonijiet – edukattivi, professjonali u regolatorji - li jeżistu fil-pajjiż biex flimkien magħhom joħloq okkażjonijiet ta' taħriġ

[69] "Jissawwar, permezz tas-Segretarjat għall-Mezzi ta' Komunikazzjoni Soċjali, *team* ta' nies li jkunu mħarrġin biex iwasslu l-messaġġ ta' Kristu u tal-Knisja b'mod effettiv fil-*media* u fl-oqsma kulturali (bħal letteratura, teatru, arti, mużika) lokali. In-numru jkun skond l-esiġenzi u r-riżorsi eżistenti. Kull min għandu kontribut x'jagħti għandu jagħtih għax kulħadd imsejjaħ jagħmel il-parti tiegħu fit-tixrid ta' l-Evanġelju. Biss, f'din l-era ta' professjonaliżmu, jeħtieġ li jitħarrġu nies dedikati għal appostolat speċifiku. Għalhekk jitħejja pjan ta' azzjoni mfassal b'mod xjentifiku u esegwit professjonalment. Min jidħol għal din il-ħidma irid ikun dedikat, imfawwar bl-ispirtu evanġeliku u lest li jidħol għal taħriġ *ongoing*. It-*team* irid ikun strutturat, dinamiku u jwieġeb għall-ħtiġijiet li jinqalgħu, b'nies f'diversi stadji ta' taħriġ biex il-kontinwità tkun assigurata." (*Kultura, Soċjetà, Knisja* 84.1)

u studju f'diversi oqsma u għall-operaturi differenti tal-*media*. Din il-ħidma tista' tinkludi wkoll taħriġ fl-etika professjonali. Fejn possibbli, din il-ħidma u taħriġ għandhom isiru ma' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali u/jew mal-Fakultà tat-Teoloġija.

l. Jieħu ħsieb li ssir pastorali fost il-persuni li jaħdmu fid-diversi oqsma tal-*media*.

m. Jagħmel riċerka dwar oqsma differenti tal-*media* f'pajjiżna. Fejn possibbli, din ir-riċerka għandha ssir flimkien ma' l-Istitut *Discern*.

n. Ikun responsabbli mill-*Communications Office* ta' Arċidjoċesi (ara Taqsima 3.4 għal aktar dettalji u tagħrif dwar dan il-punt).

ii. **Segretarjat: Tmexxija**

a. Is-Segretarjat ikun immexxi mid-Delegat flimkien ma' Kunsill. Dan ikun jinkludi għadd ta' persuni b'*expertise* f'oqsma differenti tal-*media* u l-ħidma li ssir bihom. Dawn il-persuni ma jkunux rappreżentanti ta' xi grupp jew organizzazzjoni partikolari iżda jkunu fis-Segretarjat biex ifittxu u jirrappreżentaw l-interessi tal-*policies* ta' l-Arċidjoċesi. Mill-banda l-oħra jintgħażlu b'mod li jkunu rappreżentati interessi differenti f'dan il-qasam pastorali partikolari u fil-Knisja f'Malta b'mod ġenerali.[70]

b. Is-Segretarjat ikollu għadd ta' sotto kumitati jew gruppi *ad hoc* li jmexxu ħidmiet partikolari tiegħu. Irid jinstab mod kif dawn il-kumitati jkunu tassew koordinati u jimxu fuq il-*policies* imfassla mill-Kunsill tas-Segretarjat. Forsi l-aħjar mod ikun li id-Delegat ikun iċ-*chairperson* tal-kumitati.

c. Ikun hemm għadd ta' kumitati konġunti magħmula minn diversi organizzazzjonijiet tal-Knisja li jaħdmu fl-istess qasam tal-*media*.[71] L-għan ta' dawn il-kumitati konġunti jkun li jfasslu bi qbil bejniethom l-istrateġija tal-koordinament.

iii. ***Timeframe***

Sa "x" jiġi identifikat id-Delegat u u, f'diskussjoni miegħu, jigu identifikati l-persuni li se jkunu impjegati *full time* jew *part time*; jintgħażel il-post fejn isiru l-uffiċċji, jinkiteb statut eċċ.

Is-Segretarjat jibda jaħdem minn "x".

[70] Il-mod kif għandhom jintgħażlu l-membri tas-Segretarjat għandu jkun ukoll suġġett ta' diskussjoni waqt il-perjodu ta' konsultazzjoni dwar dan id-dokument. Irid jinstab bilanċ bejn interessi differenti mingħajr ma tkun imfixkla t-tmexxija 'l quddiem ta' l-istrateġija magħżula.

[71] Eżempju: Kumitati tal-produtturi tal-programmi televiżivi fi ħdan il-Knisja.

## 3.4 *Communications Office*

### 3.4.1 X'jgħid is-Sinodu

Is-Sinodu kien ta' l-opinjoni li "f'dawn l-aħħar snin, qed jiżdiedu l-attakki kontinwi u l-kritika distruttiva f'ċerti programmi fuq il-mezzi tax-xandir kif ukoll fil-gazzetti bil-ħsieb li tiġi fix-xejn il-kredibbiltà tal-Knisja u biex jirrendu l-preżenza u l-influss tagħha fis-soċjetà Maltija bħala waħda għal kollox irrilevanti."[72]

Id-dokumenti tas-Sinodu jipproponu din l-istrateġija bi tweġiba għas-sitwazzjoni analizzata:

"Il-Knisja għandha tagħmel ċara l-pożizzjoni tagħha bla biża' u bla tlaqliq, 'tisħaq f'waqtu u barra minn waqtu' (2 Tim 4,2), kemm uffiċjalment u kemm permezz ta' individwi sew membri tal-kleru u sew lajċi impenjati u ppreparati li lesti jagħtu xiehda fil-beraħ ta' twemminhom.

Huwa dmir tal-Kattoliċi li jkunu preżenti f'dawn l-oqsma - radju, televiżjoni, gazzetti, *internet* – sabiex jaħdmu bħal ħmira fis-soċjetà. Il-kitba fil-gazzetti ma tistax tkun limitata għall-*media* tal-Knisja iżda trid toħroġ u tidher fil-gazzetti stess li fihom issir il-kritika."[73]

Struttura importanti fit-twettiq ta' din il-ħidma hija dik tal-*Communications Office*. Is-Sinodu jistqarr li: "Dwar *marketing* irid jingħad li fis-soċjetà ta' llum PRO għandu ħidma ċentrali x'iwettaq. Il-Knisja għandha bżonn ta' *Communications Office* b'numru adegwat ta' nies imħarrġa professjonalment u speċjalizzati fil-qasam. Tajjeb li l-funzjoni ta' dan il-*Communications Office* tkun waħda proattiva."[74]

### 3.4.2 Ħidma proposta li ssir

i. **Bini ta' *Communications Office***

Minflok l-Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, magħruf wkoll bħala l-Uffiċċju Stampa, jinbeda *Communications Office*.

Dan l-Uffiċċju jara li jkun hemm kommunikazzjoni kredibbli bejn l-Arċidjoċesi u l-komunità u viċi versa.

L-Uffiċċju jkollu, fost l-oħrajn, ir-rwol li:

- jidentifika l-*issues* li dwarhom isiru kampanji ta' komunikazzjoni mill-Arċidjoċesi.

---

[72] *Kultura, Soċjetà, Knisja (*2003) para. 19.
[73] *Kultura, Soċjetà, Knisja* (2003) para. 19.
[74] *Kultura, Soċjetà, Knisja* (2003) para. 16.

- Jikkummissjona riċerka regolari li tgħinu fl-identifikazzjoni ta' l-*issues* li dwarhom isiru l-kampanji.

- Jgħin fl-iddisinjar u t-tmexxija ta' dawn il-kampanji flimkien mal-gruppi, organizzazzjonijiet, uffiċċji jew segretarjati milquta mis-suġġett tal-kampanja in kwistjoni; u li, fl-aħħar mill-aħħar, diversi drabi ikunu se jmexxu l-kampanji.

- Jara li jinżamm kuntatt regolari prinċipalment mal-*media* ġurnalistika u ma' *opinion leaders* fil-pajjiż u jfassal stuttura li tgħin biex dawn ikunu qegħdin jiġu pprovduti regolarment b'materjal dwar il-pożizzjoni nisranija fuq diversi *issues*.

- Jipprovdi tagħrif dwar l-Arċidjoċesi ta' Malta jew il-Knisja b'mod ġenerali lil kull min jitlob għalih.

ii. **Tmexxija u kompożizzjoni**

- Il-*Communications Office* ikun parti mis-Segretarjat għall-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali u t-tmexxija tiegħu tkun *accountable* lejn id-Delegat.[75] Din it-tip ta' tmexxija tqiegħed lill-Uffiċċju fl-ambjent naturali tiegħu u tagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi limitati li jeżistu.

- L-Uffiċċju għandu jkun attrezzat tajjeb b'nies professjonali fil-materja.

iii. **Relazzjoni ma' Għawdex u oħrajn**[76]

Għandu jigi eżaminat x'tip ta' relazzjoni għandu jkollu l-*Communications Office* mad-Djoċesi ta' Għawdex, mar-reliġjuzi, mal-għaqdiet tal-lajċi nsara u ma' NGOs li jkunu jaqsmu l-istess ħsibijiet u aspirazzjonijiet li tkun trid ixxerred il-Knisja.

---

[75] Modi oħra ta' tmexxija jistgħu jiġu kkunsidrati. Eżempju: il-*Communications Office* jista' jkun indipendenti minn kwalunkwe Segretarjat jew uffiċċju ieħor, kif fil-fatt huwa bħalissa l-Ufficcju Relazzjonijiet Pubbliċi/Uffiċċju Stampa. Jista' jitqies li d-Delegat tas-Segretarjat ikun il-kelliemi uffiċjali ta' l-Arċidjoċesi u jieħu sehem attiv fit-tmexxija ta' l-Uffiċċju. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull sistema għandhom ikunu eżaminati bir-reqqa qabel tittieħed deċiżjoni finali dwar dan is-suġġett.

[76] Tista', per eżempju, tiġi diskussa l-possibbiltà li jkun hemm *Communications Office* komuni bejn l-Arċidjoċesi ta' Malta u dik ta' Għawdex jew xi arranġament partikolari mar-reliġjużi. F'dan il-każ, allura, l-istruttura, kompożizzjoni eċċ tal-*Communications Office* tkun trid tinbidel biex tirrifletti r-realtà ġdida.

## 3.5 Proposti għall-qasam tar-radju

### 3.5.1 X'jgħid is-Sinodu

Dwar il-qasam tar-radju, id-dokumenti tas-Sinodu jgħidu kważi biss li r-radju RTK "qabad sew u ġibed udjenza qawwija, speċjalment fost dawk 'il fuq minn 40 sena."[77] Is-Sinodu jikteb wkoll dwar il-ħtieġa tal-preżenza ta' l-insara f'dan il-qasam.[78]

Mill-promulgazzjoni tad-dokumenti tas-Sinodu sa llum kien hemm diversi żviluppi fil-qasam tar-radju li rridu nindirizzawhom.

Il-preżenza tal-Knisja fil-qasam tax-xandir bir-radju illum hija magħmula b'dan il-mod.

- Radju RTK. Stazzjon ġeneralist li jxandar fuq frekwenza nazzjonali. L-RTK għad għandu udjenzi qawwija. F'dawn l-aħħar snin, kompla kabbar il-kontenut strettament reliġjuż. Jappella aktar għan-nisa milli għall-irġiel u għal udjenza fuq it-tletin sena.[79]

- Radju Maria. Stazzjon reliġjuż fis-sens strett tal-kelma li jxandar fuq frekwenza nazzjonali. Fiż-żmien li ilu jxandar, bena udjenza leali, l-aktar ma' dawk ta' età pjuttost avvanzata.[80]

- Għadd kbir ta' stazzjonijiet tal-komunità l-aktar fid-djoċesi ta' Għawdex. Dawn huma stazzjonijiet strettament reliġjużi.

- Preżenza "reliġjuża" fuq diversi stazzjonijiet nazzjonali "tal-kelma" u tal-komunità.

### 3.5.2 Ħidma proposta li ssir

i. **L-istazzjonijiet bi frekwenza nazzjonali**

Il-ħidma f'dan il-qasam trid tkun mibnija fuq il-fatt li l-RTK u Radju Marija huma żewġ stazzjonijiet differenti, b'kunċett ta' xandir differenti u li joperaw fuq mudelli teoloġiċi differenti. Iż-żewġ stazzjonijiet fi ħdan il-Knisja jibqgħu jagħmlu suċċess jekk jenfasizzaw fil-kontenut tagħhom il-missjoni differenti li għandhom. Ma jaqbel lil ħadd jekk dawn bil-mod il-mod jibdew isiru stazzjonijiet li jixtiebhu.

---

[77] *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 21.

[78] Ara *Kultura, Soċjetà, Knisja* (2003) para. 16.

[79] L-RTK għandu dan il-profil ta' udjenza: 16% bejn it-30 u 49 sena; 30% bejn il-50 u 64 sena; u 51% fuq il-65 sena. Żewġ terzi ta' l-udjenzi huma nisa (BA May 2007).

[80] 42% ta' dawk li jisimgħu Radju Maria huma bejn il-50 u 64 sena waqt li 45% huma fuq il-65 sena. Żewġ terzi ta' l-udjenza huma nisa (BA May 2007).

Għalhekk sa "x" mill-ħruġ ta' dan id-dokument:

a. Radju RTK ifassal, għall-approvazzjoni tas-Segretarjat, pjan stateġiku ta' tliet snin:

(i) biex isaħħaħ l-identità tiegħu ta' stazzjon ġeneralist b'enfasi fuq it-tfigħ tad-dawl nisrani fuq il-ġrajja. Meta l-Isqfijiet Maltin kienu varaw l-istazzjon, l-Arċisqof Mercieca kien qal ċar u tond li "jkun għajb għall-Knisja jekk ma titfax dawl fuq il-ġrajja."

(ii) jersaq lejn skeda li fiha l-element strettament reliġjuż ma jkunx aktar minn 10%.[81] Bħala stazzjon ġeneralist, Radju RTK irid jagħti firxa wiesgħa ħafna ta' programmi biex ikun dak li huwa teknikament magħruf bħala "*an all format station*". Id-direzzjoni ta' l-istazzjon trid tinseġ il-perspettiva nisranija b'mod intelliġenti f'firxa wiesgħa ta' programmi.

(iii) jimmira biex ikabbar l-udjenzi bejn il-25 u l-50 sena kemm fost in-nisa kif wkoll fost l-irġiel. Il-mira għandha tkun illi mill-anqas 55% ta' l-udjenza tkun taħt il-50 sena.

(iv) jipproġetta l-ħtiġijiet finanzjarji u jistudja modi oħra ta' finanzjament, fosthom somma ta' flus annwali mill-Knisja li tingħata mhux bħala sussidju iżda bħala "kumpens" għall-programmi ta' kontenut direttament jew indirettament nisrani li l-Knisja, permezz tas-Segretarjat Komunikazzjoni Soċjali, turi li tkun trid li jkunu imxandra, anki jekk is-suq ma jiffinanzjahomx.

b. Radju Marija jfassal għall-konsiderazzjoni tas-Segretarjat, pjan strategiku biex:

(i) isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu bħala stazzjon strettament reliġjuż.

(ii) jgħolli l-kwalità tal-programmi indirizzati lejn il-massa, fosthom billi jagħmel taħriġ kontinwu fis-sengħa tax-xandir bir-radju għal dawk li jippreżentaw fuq l-istazzjon.

(iii)jeżamina l-possibiltà li jorganizza korsijiet ta' teoloġija fuq il-metodu użat permezz tad-*distance learning*. F'dan, l-istazzjon jaħdem mill-qrib mal-Fakultà tat-Teoloġija.

c. Radju RTK u Radju Marija flimkien ifasslu, għall-approvazzjoni tas-Segretarjat, programm ta' koperazzjoni bejniethom li jirrispetta l-identità rispettiva tagħhom. L-RTK iwassal il-messaġġ prinċipalment b'mod pjuttost informali waqt li Radju Marija jevanġelizza b'mod aktar dirett u

[81] L-RTK żied il-kontenut formalment reliġjuż minn 7% fl-1992 (Borg, 2000) għal 9.8% fl-1997, għal 14% fl-2002 (Sultana, 2003) u għal 16% fl-2007 (tagħrif mogħti miċ-*Chairman* ta' l-RTK waqt Konferenza Nazzjonali: RTK: Aġenda ta' valuri" 16 ta' Marzu 2007).

formali. L-oqsma tal-koperazzjoni għandhom ikunu ħafna u varji u jkopru l-aspetti tekniċi, ta' kontenut, ta' taħriġ lil min jippreżenta u ta' tagħrif dwar udjenzi, fost l-oħrajn.

ii. **L-istazzjonijiet tal-komunità**

Bla dubju ta' xejn, l-istazzjonijiet tal-komunità għandhom iservu l-ħtiġijiet tal-komunitajiet rispettivi li lejhom ixandru. Waqt li napprezzaw dan, xorta nagħrfu l-ħtieġa ta' koordinament u koperazzjoni bejn dawn l-istazzjonijiet infushom u bejnhom u bejn l-istazzjonijiet nazzjonali fi ħdan il-Knisja.

Din il-koperazzjoni għandha tkun programmata u preżentata fi pjan maħdum apposta.

Fl-ispirtu ta' para. 1.2.4, il-Knisja għandha, fil-limitu tal-possibbli, toffri faċilitajiet fuq dawn l-istazzjonijiet anke lill-organizzazzjonijiet mhux tal-Knisja u lil individwi li jaħdmu fil-komunitajiet milħuqa minn dawn l-istazzjonijiet.

iii. **L-istazzjonijiet mhux tal-Knisja**

Dawn l-istazzjonijiet joffru possibbiltajiet utli u interessanti lill-Knisja. F'dan il-qasam ukoll insibu ħafna frammentazzjoni u sparpaljar min-naħa ta' l-użu minn dawk fi ħdan il-Knisja. Nifmhu li stazzjonijiet differenti għandhom fiżjonomija u ħtiġijiet differenti u li huma għandhom il-libertà sħiħa li javviċinaw persuni li jidhrilhom li huma tajba għall-programmi reliġjużi.

Is-Segretarjat, waqt li jirrispetta b'mod sħiħ l-awtonomija ta' dawn l-istazzjonijiet, għandu jiltaqa' mat-tmexxija tagħhom u joffri s-servizzi tiegħu biex ix-xandir reliġjuż fuqhom ikun ta' l-aqwa kwalità. Din tista' ssir, per eżempju, billi jitfassal ftehim li bih is-Segretarjat jipprovdi nies u ideat u jkun jista' jiggarantixxi li x-xandir reliġjuż jissodisfa l-ħtiġijiet ta' l-udjenzi għal xandir ta' kwalità u li l-kontenut tiegħu ikun kontenut awtentikament Kattoliku.

Arranġament simili għandu jsir ma' l-istazzjonijiet televiżivi.

iv. **L-isfida tad-diġitali**

L-ambjent diġitali li semmejna (ara taqsima 1.2.5) jipprovdi ħafna possibbiltajiet ġodda li għandhom jiġu esplorati mill-Knisja. Dawn il-possibbiltajiet kollha għandhom jiġu esplorati mis-Segretarjat Komunikazzjoni Soċjali bl-għajnuna ta' esperti fil-qasam.

Is-Segretarjat jista', per eżempju, jistudja l-possibbiltà li jinfetaħ stazzjon ġdid tar-radju li jkun immirat għaż-żgħażagħ. Dan ikun jikkonsisti prinċipalment f'mużika immirata għaż-żgħażagħ u *spots* ta' informazzjoni u formazzjoni reliġjuża u umana.

## 3.6 Proposti għall-qasam tat-TV u tal-produtturi indipendenti

### 3.6.1 X'jgħid is-Sinodu

"Minħabba l-importanza tal-*media* fil-formazzjoni permanenti tal-poplu", is-Sinodu jara l-ħtieġa ta' "preżenza aktar qawwija fuq stazzjonijiet eżistenti tar-radju u t-televiżjoni, bi produzzjoni ta' programmi mħejjija bl-involviment ta' lajċi li huma esperti fil-materja, u bil-possibbiltà li, fuq l-istazzjonijiet kollha, fl-aħjar ħin possibbli, jixxandru programmi ta' formazzjoni reliġjuża."[82]

Issir riferenza partikolari għat-*TV Unit* tal-*Media Centre* "li twaqqaf dan l-aħħar mill-Knisja f'Malta"[83] bħala "grupp ta' produzzjoni ta' video."[84] "Din trid tibni strateġija ta' ħidma fid-dawl ta' dak li qed jingħad. Taqsima bħal din għandha sservi kemm għall-produzzjoni kif ukoll għall-għajnuna u t-taħriġ għall-operaturi pastorali."[85]

Is-Sinodu jagħraf wkoll li barra t-TV Unit "fil-Knisja nibtu wkoll individwi u gruppi li għandhom ċentri ta' produzzjoni tagħhom."[86]

### 3.6.2 Ħidma proposta li ssir

Kif spjegat aktar 'il fuq (ara Taqsima 1.2), fil-qasam tat-TV kien hemm diversi żviluppi li joffru opportunitajiet u sfidi lill-Knisja li trid li dejjem tkun għas-servizz tal-bniedem sħiħ u tal-bnedmin kollha.

**Ma tiftaħx stazzjon tat-TV**

F'dan il-kuntest, l-Arċidjoċesi ittenni d-deċiżjoni li ma tiftaħx stazzjon tat-TV iżda tagħraf li għandha tkun preżenti f'dan il-qasam kemm permezz ta' relazzjoni ma' produtturi indipendenti kif wkoll ma' l-istazzjonijiet tat-TV infushom.

i. **Djar ta' produzzjoni fi ħdan il-Knisja**

Is-Sinodu jagħmel riferenza għall-produtturi tat-TV li nibtu fi ħdan il-Knisja. Il-lum insibu, fost l-oħrajn, it-*TV Unit* tal-*Media Centre, CAM*

---

[82] *Lajċi Nsara* (2003) para. 60.
[83] *Lajċi Nsara* (2003) para. 60.
[84] *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 43.
[85] *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 43.
[86] *Kuntest Malti* (2003) para. 8.

*Productions* u *U TV* – li minn dar ta' produzzjoni żviluppa fi stazzjon televiżiv.

Sa "x" mill-pubblikazzjoni ta' dan id-dokument, is-Segrerarjat għandu jlaqqa' lil dawn u lil produtturi oħra fi ħdan il-Knisja biex ifasslu pjan stateġiku illi:

- jindika l-oqsma partikolari fejn kull produttur ikun se jispeċjalizza u fejn l-aktar se jinvesti r-riżorsi tiegħu;

- jfassal l-aħjar mod kif il-produtturi fi ħdan il-Knisja – flimkien jew b'mod singolu jew ma' oħrajn – jidħlu f'oqsma oħra barra dawk tax-xandir reliġjuż fis-sens strett tal-kelma. Id-djar ta' produtturi Kattoliċi jeħtieġ li jagħrfu li dan huwa l-qasam li jeħtieġ li jiġi żviluppat jekk irridu npoġġu fil-prattika dak li jitlob is-Sinodu, jiġifieri li nkunu preżenti "fl-aħjar ħin possibbli."[87]

  Dawn il-produtturi għandhom jesploraw ġeneri bħal drama, *game shows* u formati oħra ta' programmi mhux normalment inklużi bħala xandir reliġjuż.

- Jesploraw l-oqsma ta' koperazzjoni bejniethom: tekniċi, ta' produzzjoni, ideat ta' programmi u oħrajn

ii. **Produtturi indipendenti u stazzjonijiet TV**

Permezz tal-produtturi Kattoliċi jew inkella direttament, is-Segretarjat għandu jfassal stateġija ta' ħidma mal-produtturi indipendenti u ma' stazzjonijiet televiżivi.

Dan il-pjan għandu jesplora:

- il-possibbiltà ta' ko-produzzjonijiet ma' dawn il-produtturi indipendenti jew ma' stazzjonijiet tat-TV jew il-possibbiltà ta' kontribut "nisrani" fil-programmi varji tagħhom.

- il-possibbiltà ta' organizzazzjoni ta' taħriġ fis-sengħa tal-produzzjonijiet televiżivi b'enfasi fuq l-aspetti estetiċi u etiċi.

- possibbiltajiet oħra ta' kooperazzjoni bejn in-naħat differenti.

- Is-Segretarjat għandu wkoll jipprova jilħaq direttament ma' l-istazzjonijiet tat-TV ftehim partikolari dwar programmi formalment reliġjużi fuq l-istazzjonijiet rispettivi (ara taqsima 3.5.2.iii).

---

[87] *Lajċi Nsara* (2003) para. 60.

# 3.7 Proposti għall-qasam tal-*media* stampata

## 3.7.1 X'qal is-Sinodu

Is-Sinodu jitkellem fil-qosor kemm fuq il- *media* stampata fi ħdan il-Knisja kif wkoll fuq id-dmir ta' l-insara f'dan il-qasam.

Dwar ta' l-ewwel jgħid li:

- " il-gazzetta *Il-Ġensillum* ma qabditx art, ukoll jekk dan l-aħħar reġgħet ħadet ftit nifs."[88] Jgħid ukoll li "d-Djoċesi għandha tkun aktar ċara dwar il-linja tal-gazzetta tagħha, *Il-Ġensillum,* bħala gazzetta ta' ispirazzjoni kattolika."[89]

Ma hemmx riferenza għal forom oħra ta' stampa.

Dwar id-dmir ta' l-Insara, is-Sinodu jgħid li:

- "huwa dmir tal-Kattoliċi li jkunu preżenti f'dawn l-oqsma – radju, televiżjoni, gazzetti, *internet* – sabiex jaħdmu bħal ħmira fis-soċjetà. Il-kitba fil-gazzetti ma tistax tkun limitata għall-*media* tal-Knisja iżda trid toħroġ u tidher fil-gazzetti stess li fihom issir il-kritika."[90]

- Id-dokument dwar il-lajċi jgħid li "għandu jsir użu intelliġenti mill-ġurnali u r-rivisti lokali."[91]

L-iżviluppi li kien hemm fil-qasam ta' l-istampa f'pajjiżna diġà għamilna riferenza għalihom aktar 'il fuq.

Fil-qasam tal-gazzetti marbuta mal-Knisja, barra *Il-Ġensillum,* hemm *Il-Leħen is-Sewwa* – wieħed mill-ġurnali l-aktar li ilhom jiġu ppubblikati f'pajjiżna. Dawn iż-żewġ gazzetti huma differenti ħafna minn xulxin f'diversi aspetti iżda t-tnejn li huma, skond l-istatistika ppubblikata, mhux qed jirnexxilhom jippenetraw is-suq b'xi mod sinifikattiv.[92]

Il-preżenza tal-Knisja fil-qasam tal-*magazines* hija numerikament b'saħħitha; iżda bla dubju l-akbar preżenza qiegħda permezz tal-magazine *Flimkien* li jitqassam b'xejn fil-biċċa l-kbira tal-djar Maltin. Waqt li nuru sodisfazzjon għal għadd kbir ta' kopji li jitqassmu, inżidu li jeħtieġ ukoll inkunu nafu kemm jinqara, minn min u l-għala.

---

88 *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 21.
89 *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 43.
90 *Kultura, Soċjetà, Knisja* (2003) 16.
91 *Lajċi Nsara* (2003) para. 60.
92 Ara *The Media Warehouse, January 2007 – April 2007.*

### 3.7.2 Ħidma proposta li ssir

i. **Deċiżjoni dwar *Il-Ġensillum*[93]**

Fi żmien "x" mill-publikazzjoni tad-dokument, tittieħed deċiżjoni dwar il-futur tal-gazzetta *Il-Ġensillum* wara li jkun ikkunsidrat jekk mis-Sinodu 'l hawn "qabditx art"[94] u wara li jkun ikkunsidrat l-ammont ta' sussidju paragunat mal-bejgħ ta' kopji u l-influwenza li qed ikollha l-gazzetta.

Fid-dawl ta' din id-deċiżjoni, titfassal strateġija dwar il-*policy* u r-rwol tal-*media* stampata li hija proprjetà ta' l-Arċidjoċesi u dik li qiegħda fi ħdan il-Knisja iżda mhix proprjetà ta' l-Arċidjoċesi.

Il-*print media* tkun waħda mill-oqsma li jidħol fihom il-Pjan Pastorali dwar il-*media* li huwa propost aktar 'il fuq.

ii. **Strateġija mill-Pjan Pastorali**

L-istess Pjan Pastorali għandu jfassal l-istrateġija tal-Knisja rigward il-*media* stampata li mhix tal-Knisja biex, fi kliem is-Sinodu stess, "isir użu intelliġenti mill-gazzetti u r-rivisti lokali."[95]

## 3.8 *Media education*

### 3.8.1 X'jgħid is-Sinodu

Il-Knisja f'Malta kienet pijunier tal-*media education* f'pajjiżna tant li f'Ottubru 2006 tfakkar il-25 anniversarju mill-introduzzjoni tas-suġġett f'għadd ta' skejjel tal-Knisja.[96]

Is-Sinodu jagħraf din il-ħidma "fid-dawl ta' dak li hu miktub minn diversi dokumenti tal-Knisja kemm dik universali  kif ukoll dik lokali."[97] Fil-fatt, mill-pubblikazzjoni ta' l-*Inter Mirifica* tal-Konċilju Vatikan II, diversi kienu d-

---

[93] Wieħed mill-argumenti spiss diskussi tul dawn l-aħħar snin kien il-preżenza ta' l-Arċidjoċesi fil-qasam tal-*media* stampata. Din il-preżenza tista' tieħu forom differenti. Insemmi xi eżempji li mhux bil-fors jeskludu wieħed lill-ieħor. Jekk mid-diskussjoni joħroġ li *Il-Gensillum* qabdet l-art, allura din hija preżenza valida. Il-*magazine Flimkien* jipprovdi prezenza "popolari" li bih il-Knisja tilħaq kważi d-djar kollha ta' pajjiżna. Jista' jkun hemm preżenza oħra aktar speċjalizzata. Din tista' tieħu l-forma ta' *magazine* imqassam ma' *xi* gazzetta bl-Ingliż u jkun *magazine* li jittratta aktar il-grajjiet kurrenti u l-iżviluppi varji f'pajjiżna fid-dawl tat-tagħlim soċjali tal-Knisja. Dan ikun finanzjat mir-reklamar. Ma rridux ninsew li hemm wkoll il-preżenza permezz ta' *Leħen is-Sewwa* għal udjenza differenti.

[94] *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 21.

[95] *Lajċi Nsara* (2003) para. 60.

[96] Ara Borg u Lauri, 2006 għal tagħrif dettaljat dwar l-istorja, l-iżvilupp u l-istrateġija tal-ħidma tal-Knisja f'Malta f'dan il-qasam.

[97] *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 22.

dokumenti tal-Knisja li esiġew li l-iskejjel tal-Knisja jgħallmu l-*media education* fil-livelli kollha tagħhom.[98]

Is-Sinodu, wara li jagħraf l-importanza li ta lil dan is-suġġett l-Istat Malti,[99] jesiġi b'mod ċar u qawwi:

"Dan is-Sinodu jitlob li l-programm tal-*Media education* imfassal mis-Segretarjat għall-Komunikazzjoni Soċjali jifforma parti integrali mit-tagħlim bażiku fil-livelli kollha ta' l-iskejjel tal-Knisja."[100]

### 3.8.2 Ħidma proposta li ssir

#### 3.8.2.1 Programm fl-iskejjel

Din id-dikjarazzjoni tas-Sinodu hija fis-sustanza ripetizzjoni ta' dak li kienu esiġew, fost l-oħrajn, il-*Pjan Pastorali 1986-1991*[101] u l-Programm Pastorali intitolat "*Lejn is-sena 2000 bħala Familja*".[102] Iżda minkejja dawn id-direttivi kollha, f'dawn l-aħħar snin, kompla jonqos l-għadd ta' skejjel li jgħallmu l-*media education*. Meta nkitbu d-dokumenti tas-Sinodu kien hawn 35 skola tal-Knisja tgħallem dan is-suġġett.[103] Illum hawn 27 skola![104] Zgur li ma morniex 'il quddiem f'dan il-qasam tant importanti.

Għalhekk fi żmien "x" mill-pubblikazzjoni ta' dan id-dokument:

i. Is-Segretarjat għall-Komunikazzjoni Soċjali, flimkien mas-Segretarjat għall-Edukazzjoni għandhom:

- jaraw x'inhuma d-diffikultajiet li qed isibu l-minoranza ta' l-iskejjel tal-Knisja li mhux qed jgħallmu s-suġġett;
- jgħinuhom jegħlbuhom;
- jaraw li sal-bidu tas-sena skolastika, Settembru X, anke dawn l-iskejjel ikunu qed isegwu d-direttivi tal-Knisja għal dan il-qasam;
- jaraw kif u b'liema effettivita qed jgħallmu l-*media education* dawk l-iskejjel li jgħidu li jgħallmuh.

ii. Is-Segretarjat għall-Komunikazzjoni Soċjali, flimkien mas-Segretarjat għall-Edukazzjoni u s-Segretarjat għall-Katekeżi, għandhom jaraw kif

---

98 Ara *Inter Mirifica* (1963) para. 16; *Communio et Progressio* (1971) para. 107, *Aetatis Novae* (1992) para. 18 u 24d, *Rapid Development* (2005) para. 11.
99 Ara *Ministry for Education and National Culture* (1999).
100 *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 22.
101 Ara *Pjan Pastorali 1986-1991* (1985) para. 8.9.
102 Ara *Lejn is-Sena 2000 bħala Familja,* para. 7.4.
103 Ara Lauri u Borg (2006).
104 Informazzjoni mogħtija mill-Media Centre dwar is-sitwazzjoni f'Ottubru 2006.

elementi ta' *media education* ikunu parti minn suġġetti oħra mgħallma fl-iskejjel, b'mod partikolari r-reliġjon. Dan għandu jsir b'mod speċjali f'dawk is-snin li ma humiex koperti bil-programm ta' *media education* tas-Segretarjat.

### 3.8.2.2 Programm barra l-iskejjel

Il-Knisja trid li, apparti l-iskejjel tagħha, anki l-parroċċi jkunu minn ta' quddiem nett biex joffru l-*media education.* F'dan il-qasam tant importanti, il-Knisja trid li tkun ta' servizz għall-ġenituri, għall-edukaturi, għall-komunikaturi u għaż-żgħażagħ.[105]

- Is-Segretarjat Komunikazzjoni Soċjali flimkien mas-Segretarjat għall-Parroċċi jaraw kif il-parroċċi bl-istrutturi tagħhom jistgħu jintużaw ħalli jwettqu x-xewqa tal-Knisja li l-parroċċi jkunu ta' servizz fil-ħidma ta' *media education.*

  Fost affarijiet oħra, is-Segretarjat Komunikazzjoni Soċjali u s-Segretarjat għall-Katekeżi għandhom flimkien jaraw kif tagħlim dwar il-*media* jkun inkluż fil-kotba tal-katekiżmu li jintużaw fiċ-ċentri tad-duttrina li hemm fil-parroċċi u fid-djar tad-duttrina.

- Is-SKS flimkien mas-Segretarjat għal-Lajċi jfasslu pjan biex element ta' *media education* ikun parti mill-formazzjoni mogħtija liż-żgħażagħ u adulti msieħba fl-għaqdiet u fil-movimenti tal-lajċi.

- L-għaqdiet tal-lajċi, l-aktar dawk impenjati fil-qasam tal-familja, għandhom jikkunsidraw il-possibbiltà li joħolqu *advocacy groups* li jkunu jistgħu jagħmlu pressjoni biex il-*media* jissodisfaw il-ħtiġijiet profondi tal-bnedmin għal dak li jhenni, huwa sabiħ u veru; iħarsu d-dinjità umana, l-aktar tal-minuri u ta' dawk vulnerabbli; u jagħtu leħen lil kulħadd.

- Is-SKS jfassal pjan kif il-*media* differenti fi ħdan il-Knisja – radju, gazzetti, eċċ – ikunu aġenti ta' *media education* billi jgħinu lill-qarrejja, lis-semmiegħa u lit-telespettaturi jużaw il-*media* b'mod kritiku u matur.

- Il-qasam diġitali joffri sfida pastorali oħra li tista' tirriżulta mit-tixrid tal-*media* l-ġodda għax, waqt li joffri ħafna possibbiltajiet pożittivi, jista' joħloq forma ta' faqar u diżlivell bejn gruppi differenti tas-soċjetà. Il-Knisja tagħraf id-diversi sforzi u inizjattivi tajbin ħafna li qed isiru mill-awtoritajiet ċivili biex f'pajjiżna tingħalaq din il-qasma. Is-SKS bil-koperazzjoni ta' segretarjati oħra li jistgħu jgħinu jidħlu f'kuntatt ma' l-awtoritajiet ċivili u, fejn ikun il-kaz, ma' NGOs biex jaraw kif strutturi, bini u programmi tal-Knisja jistgħu jgħinu biex il-qasma diġitali tingħeleb.

---

[105] Ara *Children and the Media: A Challenge for Education* (2007).

- Is-Sinodu, f'diversi partijiet, jitlob li jsir taħriġ fl-użu tal-*media* għal dawk li jkunu se jwasslu l-preżenza nisranija permezz tal-*media*.[106] Mingħajr taħriġ ta' dan it-tip, il-parteċipazzjoni "nisranija" x'aktarx li tkun waħda dgħajfa.

  Il-pjan ta' azzjoni mitlub mis-Sinodu għandu jitlesta mis-SKS sa "x" mill-publikazzjoni ta' dan id-dokument.

[106] Ara *Xandir tal-Kelma* (2003) para. 43; *Kultura, Soċjetà, Knisja* (2003) para. 16 u para. 18.1.

# 4. Ir-raba’ taqsima

# Ħarsa ’l quddiem

L-analiżi tar-rwol tal-*media* fis-soċjetà Maltija u l-proposti elenkati fit-tielet taqsima ta' dan il-programm ta' ħidma m'għandhomx jitqiesu prinċipalment bħala parti minn pjan jew programm imfassal fil-ħidma normali ta' xi ażjenda jew organizzazzjoni biex iżżid l-effiċjenza jew l-effikaċja tagħha. Bla dubju ta' xejn, irridu nkattru l-effiċjenza u l-effikaċja tal-ħidma tagħna. Bla dubju huwa dmir tagħna li nagħmlu hekk. Iżda l-ħidma tagħna tkun effettiva u effikaċi skond il-viżjoni li ddawwalha u r-ruħ li tanima. Din il-ħtieġa toħroġ min-natura tal-Knisja li mhix biss organizzazzjoni kbira u kumplessa.

Fid-dawl ta' dan kollu, l-għan ta' dawn il-proposti huwa li bit-twettiq tagħhom il-Knisja f'Malta tkun tista' taqdi aħjar il-missjoni tagħha ta' oħt u qaddejja, viżjoni li ntgħażlet għall-Knisja f'pajjiżna mis-Sinodu Djoċesan, viżjoni li hija kumplimentari għall-viżjoni ta' Knisja bħala omm u għalliema li ħaddanna għal għexieren ta' snin.[107]

Għalhekk, fit-tarf ta' dan id-dokument, aktar minn konklużjoni, qegħdin nagħtu ħarsa 'l quddiem fid-dawl ta' din il-viżjoni.

Il-Knisja trid tkun hekk – jiġifieri oħt u qaddejja tas-soċjetà – fil-qasam u permezz tal-qasam tal-komunikazzjoni soċjali. Il-Knisja la trid "tuża" (fis-sens negattiv tal-kelma) u l-anqas tiddomina dan il-qasam jew permezz tiegħu. Il-Knisja, iżda, trid tħobb u taqdi fil-qasam tal-*media* u permezz tal-*media*. L-imħabba u s-servizz li janimaw il-ħidma tagħha f'kull qasam janimawha wkoll hawn hekk.

Għalhekk il-Knisja pubblikament timpenja ruħha li kontinwament tagħmel eżami tar-rwol tagħha, ta' l-inizjattivi, tal-proposti u tal-proġetti tagħha f'dan il-qasam fid-dawl ta' din il-viżjoni.

Għax tħobb u taqdi, il-Knisja tixxierek mal-bqija tal-membri tas-soċjetà – dawk li jemmnu u dawk li ma jemmnux – biex tara li l-*media* jseddqu d-dinjità tal-bnedmin kollha u tal-bniedem sħiħ. U għax temmen li l-akbar dinjità li għandhom il-bnedmin tinsab fil-fatt li huma wlied Alla, tħabrek biex issib dak li l-aktar jiffaċilita t-twettiq ta' dan kollu. Għalhekk, f'dan il-qasam. il-Knisja b'ħerqa tfittex il-wiċċ diġitali tal-Mulej biex tikkomunikah.

Il-bixra ta' wiċċu llum hija mfassla mill-uċuħ ta' dawk li jemmnu u ta' dawk li ma jemmnux fih u hija mibnija bil-ħidma tagħhom. Dan il-wiċċ huwa akbar u isbaħ minn dak li l-bniedem waħdu jista' joħlom. B'ħidmiet differenti l-bniedem jaqbad u jwassal aspetti partikolari tiegħu. Il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali għandhom rwol importanti ħafna għax jgħinu fit-tfassil u fil-komunikazzjoni tal-wiċċ diġitali tal-Mulej. Dan il-wiċċ diġitali tal-Mulej, imwassal permezz tal-*media*, għandu dimensjoni partikolari. Huwa għandu dimensjoni globalizzata għax, fost it-teknoloġija maħluqa mill-bniedem, il-*media* biss jistgħu – jekk jitħallew – iqarrbu lejn xulxin u tant malajr lill-bnedmin minn kull rokna tad-dinja biex b'hekk jiffaċilitaw is-sentiment li l-bnedmin huma tassew ġisem wieħed. B'dan il-mod il-wiċċ diġitali tal-Mulej ma jibqax biss wiċċ Ewropew, jew Ażjatiku jew Afrikan jew ta' xi bixra oħra iżda jsir wiċċ magħruf minn kulħadd kif tassew hu, jiġifieri bħala l-wiċċ veru tal-bnedmin.

Din il-ħidma u din id-dinjità l-Knisja tagħmilha fl-għarfien u fit-twemmin sħiħ li l-Mulej huwa preżenti u ħaj fl-istorja u fis-soċjetà tagħna llum bħalma darba kien

[107] Ara *Viżjoni ta' Knisja Komunjoni* (2003) Preżentazzjoni.

preżenti f'art twelidu. Minflok fit-toroq kollha trab tal-Palestina, illum qed jimxi wkoll fuq il-*highways* diġitali u elettroniċi. F'dawn it-toroq ukoll qiegħed ifejjaq, jaħfer, iħobb, iwieġeb għall-aspirazzjonijiet l-aktar profondi tal-bnedmin u, fuq kollox, isalvahom.

Il-Knisja għalhekk taħdem bla heda biex il-wiċċ tal-Mulej ikun proġettat b'mod sħiħ u ċar fl-isfera diġitali b'mod li l-bnedmin ikunu jistgħu jiddistingwuh mill-uċuħ l-oħra kollha li din id-dinja tipproġetta.

Il-Knisja għalhekk timpenja ruħha f'ħidma sfiqa ta' djalogu kontinwu ma' dawk kollha li jaħdmu f'dan il-qasam biex tifhem u tinftiehem. Taħdem wkoll biex f'dan id-djalogu jkunu inklużi dawk li jirċievu l-*media* ħalli minflok riċevituri passivi, isiru sieħba attivi li jagħmlu d-differenza.

Il-Knisja tagħraf li din il-missjoni tagħha ta' mħabba u servizz mhix missjoni faċli f'dinja pluralistika u li dejjem aktar qed tinħakem mill-irjieħ tan-neoliberaliżmu li jqiegħed il-profitt fuq kollox, inkluż fuq il-bniedem. Din il-ħidma l-Knisja tidħol għaliha b'ħeġġa, b'kuraġġ, b'umiltà, u b'ottimiżmu. Il-Knisja hija realistika u allura tagħraf li din il-missjoni taqdiha biss jekk titwaħħad mas-salib.

Dan il-Knisja tagħmlu bis-sliem u l-hena li jiġi miċ-ċertezza li dan is-salib huwa s-salib rebbieħ tal-Mulej li rxoxta.

# 5. Il-ħames taqsima

# Riferenzi

*Aetatis Novae* (1992) "Pastoral Instruction on Social Communications. February 22, 1992", f'Eilers, F. J. (Ed.) *Church and Social Communication*. *Basic Documents*, pp. 119 – 139. Manila: Logos Publications.

Borg, J. (2007) "The Maltese Mediascape", f'Terzis, G. (Ed.) *European Media Governance*. *National and Regional Dimensions*. pp251 – 261. Bristol: Intellect Ltd. Data mistennija tal-pubblikazzjoni: 2007.

Borg, J. (Fl-Istampa) "The Media in Malta: legal, structural, usage and content considerations", f'*Internationales Handbuch Medien*. Pubblikazzjoni tal-Hans-Bredow-Institut for Media Research fl-University of Hamburg. Data mistennija tal-pubblikazzjoni: 2008.

Borg, J (2000) "Paul on Herzian Waves. Radio Broadcasting and Evangelisation in Malta", f'A. A. Zukowski and P Belanger (Eds.) *Radio Presence. A Collection of International Stories and Experience* pp.151-157. Brussels: UNDA.

Borg, J (1997) "Radio and Adult Education in Malta. Towards a Research Agenda", f' G. Baldacchino & P. Mayo *Beyond Schooling. Adult Education in Malta* pp. 129-150. Malta: Mireva Publications.

Borg, J & Lauri, M.A. (2006) "An Evaluation of Media Education in Malta", f' *IAMCR Cairo. 25th Conference and General Assembly. Proceedings* pp. 341- 346.

Borg, J., Lauri, M.A., & Fenech, D. (2005) *L-ethos tax-xandir pubbliku taħt pressjoni. Rapport Annwali tal-Bord Editorjali Jannar-Settembru 2005.*

Broadcasting Authority (2007) *Radio and TV Audiences January – March 2007*. Published May 2007.

Broadcasting Authority (2007b) *Radio and TV Audiences Malta October 2006 –* September 2007.

*"Children and the Media: A Challenge for Education." Papal Message for World Communications Day 2007*. Misjub minn http://www.vatican.va/holy_father/benedict_xvi/messages/communications/documents/hf_ben-xvi_mes_20070124_41st-world-communications-day_en.html fl-10 ta' Ġunju 2007.

*"Communio et Progressio* (1971) Pastoral Instruction on the Means of Social Communication", f'Eilers, F. J. (Ed,) *Church and Social Communication. Basic Documents* pp. 69 - 117. Manila: Logos Publications.

Croteau, D. & Hoynes, W. (2003) *Media/Society. Industries, Images, and Audience. (3rd. Ed.)* London: Pine Forge Press.

*Djakonja u Gustizzja* (2003) Dokument tas-Sinodu Djoċesan. Arċidjoċesi ta' Malta.

Eilers, F. J. (1994) *Communicating in Community. An Introduction to Social Communication.* Manila: Logos Pubications.

Ernst & Young  (2006) *Audience Survey. March 2006*. Malta: Ernst & Young

*Flimkien fi Kristu għas-Servizz tal-Mulej. Pjan Pastorali 2007 – 2008*. Arċidjoċesi ta' Malta.

*Il-Kuntest Malti* (2003) Dokument tas-Sinodu Djoċesan. Arċidjoċesi ta' Malta.

*Xandir tal-Kelma* (2003) Dokument tas-Sinodu Djoċesan. Arċidjoċesi ta' Malta.

*Inter Mirifica (1963) Decree on the Media of Social Communications*. Misjub minn www.vatican.va/archive/hist_councils/ii_vatican_council/documents/vat-ii_decree_19631204_inter-mirifica_en.html fl-10 ta' Mejju 2007.

*Kultura, Soċjeta, Knisja* (2003). Dokument tas-Sinodu Djoċesan. Arċidjoċesi ta' Malta.

Lauri, M.A. & Borg, J. (2006) "Children's Mastering of the information society: A Maltese contribution" f'*Journal of Maltese Education Research* vol. 4, no 1, 2006 pp. 1-17.

*Lejn is-Sena 2000 bhala familja. Programm Pastorali 1998-2000*. Arċidjoċesi ta' Malta.

*Lajci Insara* (2003) Dokument tas-Sinodu Djoċesan. Arċidjoċesi ta' Malta.

McQuail, Denis.  (2005) *McQuail's Mass Communication Theory (5th Ed.)* London: Sage Publications.

*Media Programme + A Guide to Maltese Producers* (2006). Malta: Media Desk Malta. EU Affairs Directorate.

*Media with a Purpose. Public Service Broadcasting in the digital era*. (2003) The Report of the Digital Strategy Group European Broadcasting Union.

Ministry for Education and National Culture (1999). *Creating the future together*. Malta: Ministry for Education and National Culture.

*National Broadcasting Policy* (2004) Malta: Ministry for Information Technology and Investment and Ministry for Tourism and Culture.

National Statistics Office (16 February 2007) *Information Society Indicators: December 2006.* Press Release 24/2007.

National Statistics Office (16 November 2006). *Information Society. ICT usage by households and individuals: 2006.*  Press Release 253/2006).

National Statistics Office (8 November 2005). *Survey on Information Communication Technology in Schools* Press Release 239/2005.

National Statistics Office (29 April 2003) *Household and Dwelling Possessions*. Press Release 60/2003.

National Statistics Office (3 November 2002) *Household Budgetary Survey: 2000*.

National Statistics Office (23 July 2001) *Information Society Statistics* Press Release 71/2001.

*Nimxu Flimkien fid-Dawl tal-Mulej. Pjan Pastorali 2005 – 2006*. Arċidjoċesi ta' Malta.

*Pjan Pastorali 1986 – 1991*. Arċidjoċesi ta' Malta.

*Rapid Development* (2005) Apostolic Letter of John Paul II. Misjub minn www.vatican.va/holy_father/john_ii/apost_letters/documents/hf_jp-ii_apl_20050124_il-rapido-sviluppo_en.html fl-10 ta' Mejju 2007.

Sammut, C. (2007) *Media and Maltese Society*. New York: Lexington Books.

Sultana, C. M. (2003) . *Radio at the Service of the Church*. Teżi mhux pubblikata bħala parti mil-Liċenzjat tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta.

*Television Without Frontiers Directive*. Council Directive 89/552/EEC of 3 October 1989 on the coordination of certain provisions laid down by Law, Regulation or Administrative Action in Member States concerning the pursuit of television broadcasting activities *Official Journal L 298 , 17/10/1989 P. 0023 – 0030*. Misjuba minn http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:31989L0552:EN:HTML fl-10 ta' Mejju 2007

*The Media Warehouse. Research Analysis January 2007 – April 2007*. Malta: Informa Consultants.

*Vizjoni ta' Knisja Komunjoni* (2003) Dokument tas-Sinodu Djoċesan. Arċidjoċesi ta' Malta.

*Żwieġ u Familja* (2003) Dokument tas-Sinodu Djoċesan. Arċidjoċesi ta' Malta.